

UNJONI EWROPEA



Kumitat tar-Reġjuni

RAPPORT ANNWALI DWAR IS-SUSSIDJARJETÀ 2010

Rapport Annwali dwar is-Sussidjarjetà 2010

WERREJ

1. DAĦLA.....	2
2. QAFAS LEGALI U ISTITUZZJONALI ĠDID.....	2
2.1 Rikonoxximent espliċitu tal-livelli lokali u reġjonali mit-Trattat ta' Lisbona.....	2
2.2 Azzjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE fuq il-bażi tas-sussidjarjetà.....	3
3. IL-MONITORAĠĠ TAL-KtR TAL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ FIL-PROĊESS TAT-TEĦID TA' DEĊIŻJONIJIET TAL-UE	4
3.1 L-analiżi tas-sussidjarjetà tiġi integrata fl-opinjoni tal-KtR.....	4
3.1.1 Metodoloġija ġdida sabiex jitħejjew il-valutazzjonijiet tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità fl-opinjoni tal-KtR.....	4
3.1.2 Il-prinċipju tas-sussidjarjetà fl-opinjoni tal-KtR minn Settembru 2009 'l hawn	5
3.2 In-Netwerk għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà	8
3.2.1 Sħubija.....	8
3.2.2 Attivitajiet tan-NMS.....	10
4. IL-KtR JINTEGRA KULTURA TA' SUSSIDJARJETÀ FIL-PROĊESS PRELEĠISLATTIV	12
4.1 Valutazzjonijiet tal-Impatt Territorjali	12
4.2 Il-Pjan ta' Azzjoni tan-Netwerk għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà	13
4.3 Relazzjonijiet mal-parlamenti reġjonali fil-kuntest tas-Sistema ta' Twissija Bikrija.....	15
4.4 Relazzjonijiet mal-parlamenti nazzjonali	17
4.5 Relazzjonijiet mal-istituzzjonijiet tal-UE	17
4.5.1 Il-Kummissjoni Ewropea	17
4.5.2 Il-Parlament Ewropew.....	18
5. KOMUNIKAZZJONI U AVVENIMENTI	19
5.1 Is-sit elettroniku tan-NMS	19
5.2 Workshops tematiċi dwar is-sussidjarjetà	20
6. KONKLUŻJONIJIET ĠENERALI.....	21

1. DAĦLA

Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009, issaħħaħ ir-rwol istituzzjonali u politiku tal-Kumitat tar-Reġjuni (KtR) rigward il-monitoraġġ tal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Il-KtR ingħata responsabbiltajiet ġodda, u b'hekk infetħu perspettivi ġodda għall-implimentazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

L-ewwel rapport dwar is-sussidjarjetà huwa risposta għall-ħtieġa tal-KtR li jikkunsidra r-rwol il-ġdid tiegħu f'dan il-kuntest, kif ukoll sabiex jippreżenta perspettivi għall-ġejjieni. Barra minn hekk, din l-edizzjoni tal-2010 għandha l-għan li toħloq referenza għar-Rapporti Annwali dwar is-Sussidjarjetà tal-ġejjieni.

Dan ir-rapport ikopri l-attivitajiet tal-KtR li jikkonċernaw is-sussidjarjetà mill-1 ta' Settembru 2009 sal-31 ta' Diċembru 2010¹ u janalizza l-bażi ġdida tagħhom, il-qafas legali u istituzzjonali tas-sussidjarjetà maħluq mit-Trattat ta' Lisbona u l-konsegwenzi ta' dan għall-KtR (*punt II*).

Barra minn hekk, ser jiġu enfasizzati u analizzati aktar l-attivitajiet imwettqa mill-KtR għall-monitoraġġ tar-rispett tal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Jistgħu jiġu identifikati żewġ ferġat prinċipali ta' azzjoni: l-integrazzjoni tal-analiżi tas-sussidjarjetà fl-opinjoni tal-KtR, u l-iżvilupp tan-Netwerk għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà (NMS, *punt III*) u l-awtoritajiet lokali u reġjonali b'attenzjoni speċjali għas-Sistema ta' Twissija Bikrija.

Ser jiġu eżaminati u ppreżentati wkoll l-isforzi tal-KtR għall-integrazzjoni ta' kultura tas-sussidjarjetà (*punt IV*). B'mod partikolari ser jiġu deskritti l-parteċipazzjoni fil-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali, il-Pjan ta' Azzjoni tan-NMS u r-relazzjonijiet mal-istituzzjonijiet Ewropej, nazzjonali u reġjonali.

Fl-aħħar nett ser jiġu ppreżentati l-komunikazzjoni kif ukoll l-avvenimenti mħejjija mill-KtR relatati mas-sussidjarjetà (*punt V*).

2. QAFAS LEGALI U ISTITUZZJONALI ĠDID

2.1 Rikonoxximent espliċitu tal-livelli lokali u reġjonali mit-Trattat ta' Lisbona

It-Trattat ta' Lisbona jagħmel referenza espliċita biex l-UE tirrispetta l-awtonomija reġjonali u lokali fl-Istati Membri². Barra minn hekk, id-definizzjoni l-ġdida tal-prinċipju tas-sussidjarjetà espliċitament tinkludi d-dimensjonijiet lokali u reġjonali³, li jfisser li l-UE trid tirrispetta l-kompetenzi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali meta tipproponi u tadotta leġislazzjoni ġdida bbażata fuq kompetenzi kondiviżi. Bħala korollarju għal dawn l-obbligi legali l-ġodda, qabel jipproponu atti leġislattivi, il-

¹ L-aħħar Rapport ta' Attività ġie ppreżentat lill-Bureau tal-KtR f' Settembru 2009 f' Uppsala, R/CdR 196/2009 punt 8 a).

² Ara l-Artikolu 4(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE).

³ Ara l-Artikolu 5(3) tat-TUE.

konsultazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea għandhom, fejn ikun xieraq, iqisu d-dimensjoni reġjonali u lokali tal-azzjoni maħsuba⁴. Apparti dan, kull abbozz ta' att leġislattiv tal-UE għandu jinkludi valutazzjoni tal-impatt potenzjali tiegħu, filwaqt li jitqiesu wkoll il-livelli lokali u reġjonali⁵.

Konklużjonijiet dwar ir-rikonoxximent espliċitu tal-livelli lokali u reġjonali mit-Trattat ta' Lisbona

- Il-livelli lokali u reġjonali u l-importanza tal-awtonomija lokali fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE għall-ewwel darba qed jiġu espliċitament rikonoxxuti fil-qafas legali tal-UE.
- Bħala konsegwenza ta' dan, ir-rispett tal-prinċipju tas-sussidjarjetà ssaħħaħ wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona.

2.2 Azzjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE fuq il-bażi tas-sussidjarjetà

It-Trattat ta' Lisbona stipula kuntest istituzzjonali ġdid fir-rigward tas-sussidjarjetà u jagħti għodda legali importanti lill-KtR. Fil-fatt, l-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, anness mat-Trattat ta' Lisbona (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Protokoll") jistabbilixxi d-dritt tal-KtR li jagħmel rikors quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE (QĠUE) jekk ma jiġix irrispettat il-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Is-suġġett ta' din l-azzjoni huwa l-annullament ta' att leġislattiv (Artikolu 289 tat-TFUE) fuq bażi tas-sussidjarjetà. Din l-azzjoni legali għandha tiġi mmirata kontra att leġislattiv adottat fil-qafas ta' qasam ta' politika li għalih it-Trattat jipprevedi li l-KtR għandu jiġi kkonsultat. L-azzjoni trid tiġi ppreżentata fi żmien xahrejn wara l-pubblikazzjoni tal-att leġislattiv.

Dan id-dritt li ngħata lill-KtR jikkostitwixxi mhux biss novità minn lat purament legali, iżda jsaħħaħ il-pożizzjoni tal-KtR fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE. Li l-KtR għandu din l-għażla tant b'saħħitha fil-komma jagħtih vuċi aktar b'saħħitha u kredibbli, mhux biss biex jiddefendi d-dimensjonijiet lokali u reġjonali tas-sussidjarjetà, iżda biex ikun, flimkien mal-parlamenti nazzjonali, il-"gwardjan" tal-prinċipju tas-sussidjarjetà sħiħ fi ħdan l-UE. Dan ir-rwol istituzzjonali ġdid jeħtieġ monitoraġġ tas-sussidjarjetà miżjud fil-fażijiet kollha tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE, inkluża l-fażi preleġislattiva. Bħala konsegwenza ta' dan, ġew adattati r-Regoli ta' Proċedura tal-KtR sabiex ikun żgurat li l-opinjoni tal-KtR sistematikament jinkludu referenza għas-sussidjarjetà⁶. In-NMS, ukoll, huwa għodda addizzjonali li biha l-KtR ifittex li jsaħħaħ ir-rwol tiegħu bħala gwardjan tas-sussidjarjetà billi jintensifika l-attivitajiet eżistenti u jiżviluppa attivitajiet ġodda, li ser jiġu ppreżentati f' dan ir-rapport⁷.

Minħabba l-kompetenzi u r-responsabbiltajiet il-ġodda tiegħu, huwa essenzjali li l-KtR ikollu stampa komprensiva ta' din is-sitwazzjoni l-ġdida u jesplora l-mod kif l-istituzzjonijiet tal-UE involuti fil-

⁴ Ara l-Artikolu 2 tal-Protokoll.

⁵ Ara l-Artikolu 5 tal-Protokoll.

⁶ Ara punt 3.1

⁷ Ara l-punti 3.2, 4 u 5.

proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet japprezzaw u jifhmu t-tiŝih tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif konsegwentement adattaw jew ser jadattaw il-proċeduri tagħhom, u x'jistgħu jkunu l-perspettivi għall-ġejjieni tal-KtR – possibbiltajiet għal kooperazzjoni, nuqqasijiet potenzjali u oqsma li jistgħu jittejbu. Dan ser jippermetti lill-KtR biex jadatta aħjar għar-rwol il-ġdid tiegħu fil-kuntest tas-sussidjarjetà.

Għalhekk fl-2011 il-KtR ser iniedi studju dwar “Is-sussidjarjetà fil-qafas istituzzjonali f' diversi livelli tat-Trattat ta' Lisbona”.

Konklużjonijiet dwar azzjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE fuq il-bażi tas-sussidjarjetà

- It-Trattat ta' Lisbona jagħti lill-KtR ir-rwol ta' “gwardjan” tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, li mhuwiex limitat biss għal li jiddefendi r-rispett tal-kompetenzi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, iżda li jiżgura wkoll li s-sussidjarjetà hija rrispettata fil-fażijiet kollha tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE, li jikkonċernaw il-livelli kollha tal-governanza.
- Bħala konsegwenza tal-prerogattivi l-ġodda tiegħu, l-attivitajiet ta' monitoraġġ tas-sussidjarjetà tal-KtR għandhom ikopru l-proċess kollu tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE.

3. IL-MONITORAĠĠ TAL-KtR TAL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ FIL-PROĊESS TAT-TEĦID TA' DEĊIŻJONIJET TAL-UE

3.1 L-analiżi tas-sussidjarjetà tiġi integrata fl-opinjoni tal-KtR

3.1.1 Metodoloġija ġdida sabiex jitħejjew il-valutazzjonijiet tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità fl-opinjoni tal-KtR

Id-dritt il-ġdid tal-KtR li jirrikorri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fuq il-bażi tas-sussidjarjetà iġib miegħu għadd ta' aġġustamenti għall-organizzazzjoni interna tal-KtR. Fil-fatt, sabiex ikollha impatt massimu, azzjoni tal-KtR f'dan il-qasam ser ikollha tiddependi minn valutazzjonijiet tas-sussidjarjetà mħejjija fi stadju bikri kemm jista' jkun fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE.

Konsegwentement, Regoli ta' Proċedura ġodda tal-KtR ġew adottati u daħlu fis-seħħ fl-10 ta' Jannar 2010. Apparti l-proċedura sabiex ikun hemm rikors quddiem il-QĠUE, issa mniżżla taħt l-Artikolu 53, l-Artikolu 51 jistipula li l-“opinjoni tal-Kumitat għandhom jagħmlu referenza espliċita għall-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità”. Dan l-Artikolu huwa espressjoni diretta tar-responsabbiltà l-ġdida tal-KtR sabiex jara li l-bilanċ bejn il-kompetenzi qed jiġi rrispettat sew, u eventwalment jista' jkollu rwol fil-motivazzjoni ta' azzjonijiet futuri fuq il-bażi tas-sussidjarjetà. L-Artikolu jsegwi u jħaddan deċiżjoni li inizjalment kienet ittieħdet mill-Bureau fil-laqgħa tiegħu f'Dunkirk fl-2008⁸ u li ġiet affermata mill-ġdid f'Uppsala fl-2009⁹.

⁸ R/CdR 229/2008 punt 8 a)

Mill-2008 'l quddiem, l-analiżi kollha tal-politika abbozzata mis-segretarjati tal-kummissjonijiet tal-KtR għar-relaturi għandha tinkludi sezzjoni dedikata dwar “is-sussidjarjetà, il-proporzjonalità u r-regolamentazzjoni aħjar”, u dan sar dejjem aktar sistematiku mill-2010. Sabiex jiġu ffaċilitati u standardizzati l-valutazzjonijiet li għandhom jitwettqu f’dan il-qafas, l-Unità tas-Sussidjarjetà tal-KtR żviluppat “tabella ta’ valutazzjoni tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità” interna fuq il-bażi tat-tabella esterna li diġà hija disponibbli permezz tas-sit elettroniku tan-Netwerk għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà¹⁰. Din issa qed tintuża mis-segretarjati tal-kummissjonijiet meta jkunu qed jabbozzaw l-analiżi tas-sussidjarjetà tagħhom bħala parti mill-analiżi ta’ politika pprovduta lir-relaturi.

It-tabella tinkludi erba’ settijiet ta’ domandi ewlenin ibbażati fuq l-elementi li jikkostitwixxu l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità skont it-Trattati. L-għan ta’ dan l-istrument huwa li jiggwida l-valutazzjoni dwar kemm inizjattiva tal-UE tirrispetta dawn il-prinċipji.

Barra minn hekk, it-tabella tirreferi lis-segretarjati tal-kummissjonijiet għall-valutazzjonijiet tal-impatt imwettqa mill-Kummissjoni Ewropea. Dawn jinkludu elementi importanti sabiex jiġi evalwat kemm inizjattiva tal-UE tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà¹¹.

Konklużjonijiet dwar metodoloġija ġdida sabiex jitħejjew il-valutazzjonijiet tas-sussidjarjetà fl-opinjonijiet tal-KtR

- Tabella ta’ Valutazzjoni tas-Sussidjarjetà u l-Proporzjonalità issa hija disponibbli internament sabiex tippovdi valutazzjonijiet armonizzati tas-sussidjarjetà lir-relaturi tal-KtR rigward l-inizjattivi leġislattivi u dawk mhux leġislattivi tal-UE. Din tippromovi analiżi pass pass, inklużi elementi relatati mal-fażi preleġislattiva.
- Strument simili huwa disponibbli wkoll għall-imsieħba tan-NMS¹² sabiex jiffaċilita l-valutazzjonijiet tas-sussidjarjetà tagħhom u jħeġġeġ approċċ komuni għas-sussidjarjetà.

3.1.2 Il-prinċipju tas-sussidjarjetà fl-opinjonijiet tal-KtR minn Settembru 2009 'l hawn

Mid-dħul fis-seħħ kemm tat-Trattat ta’ Lisbona kif ukoll tal-emendi sussegwenti fir-Regoli ta’ Proċedura tal-KtR, ġew adottati għadd sinifikanti ta’ opinjonijiet li jippermettu l-identifikazzjoni ta’ tendenzi fil-mod kif tiġi ttrattata s-sussidjarjetà. Bħala segwitu għall-aħħar analiżi ta’ dan it-tip¹³, din l-analiżi tikkonċentra fuq l-opinjonijiet adottati minn Settembru 2009 sal-31 ta’ Diċembru 2010.

⁹ *Op. cit.* nota 1.

¹⁰ Ara <http://www.cor.europa.eu/subsidiarity>, taħt “Subsidiarity Toolkit” u punt 3.2.2 ta’ dan ir-Rapport.

¹¹ Huwa importanti li wieħed jinnota li l-QĠUE tqis ukoll il-valutazzjonijiet tal-impatt f’dan il-kuntest. Ara l-Kawża C-58/08, Vodafone u Oħrajn, 8 ta’ Ġunju 2010, [ĠU C 107 tas-26.04.2008, p.17](#).

¹² Ara punt 3.2.2.

¹³ Ippreżentata lill-Bureau tal-KtR f’Uppsala f’Settembru 2009, *op. cit.* nota 1, p. 2-3.

a. Osservazzjonijiet kwantitattivi

Mill-64 opinjoni li ġew adottati¹⁴, 45 minnhom kienu jinkludu referenza espliċita għall-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif mitlub mill-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tal-KtR. Minn dawn il-45, 12 kienu jinkludu valutazzjoni espliċita tal-konformità mal-inizjattiva/inizjattivi tal-UE kkonċernata/i.

Ħarsa aktar mill-qrib lejn id-19-il opinjoni li ma nkludewx din ir-referenza turi li –

- għal kważi kollha kemm huma (17), ir-relatur kien irċieva mill-amministrazzjoni tal-KtR analiżi tal-politika li kienet tinkludi sezzjoni dwar is-sussidjarjetà, il-proporzjonalità u r-regolamentazzjoni aħjar;
- sitt opinjonijiet fil-verità ġew adottati qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regoli ta' Proċedura l-ġodda;
- sebgħa kienu opinjonijiet fuq inizjattiva proprja, li ttrattaw aspetti ta' politika pjuttost ġenerali u ma kkomentawx fuq inizjattivi konkreti tal-UE;
- is-suġġett ta' uħud mill-opinjonijiet indika li l-prinċipju tas-sussidjarjetà ma kellu l-ebda rilevanza għall-inizjattiva tal-UE kkonċernata (eż. inizjattivi li jinkludu dimensjoni internazzjonali, bħalma hija l-politika tat-tkabbir).

Mit-total ta' dawn l-64 opinjoni hawn fuq imsemmija, tmienja kienu jikkonċernaw proposti leġislattivi, jiġifieri kkomentaw fuq proposti ta' direttivi jew regolamentazzjonijiet. Tlieta minn dawn it-tmienja ma kinux jinkludu valutazzjoni espliċita tal-konformità tal-proposta mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. F'każ minnhom ("Proposta għal regolament dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini"), din tista' tiġi spjegata mis-suġġett tal-opinjoni – l-att legali hawnhekk huwa fil-fatt l-implimentazzjoni diretta tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tat-Trattat, fejn il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax għalihom. Iż-żewġ każijiet l-oħra huma inqas sempliċi. Madankollu, fil-każ ta' waħda minnhom wieħed jista' jinnota li r-Regoli ta' Proċedura l-ġodda kienu għadhom ma daħlux fis-seħħ, u l-oħra ġiet adottata eżatt wara li dawn daħlu fis-seħħ. Minħabba l-prerogattivi u r-responsabbiltajiet il-ġodda tal-KtR fil-monitoraġġ tas-sussidjarjetà, jidher li jkun konsistenti li naħdmu għal evalwazzjoni sistematika tal-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà għall-proposti leġislattivi kollha, sakemm il-kwistjoni kkonċernata fi proposta speċifika tindika ċarament li ma hemm l-ebda rilevanza għas-sussidjarjetà.

b. Osservazzjonijiet kwalitattivi

Lil hinn mill-fatt li s-sussidjarjetà qed issir punt ta' referenzi sistematiku għall-abbozzar tal-opinjonijiet tal-KtR, ħarsa lejn il-kontenut tar-referenza twassal għall-osservazzjonijiet li ġejjin.

L-ebda opinjoni ma sabet ksur dirett tal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Fir-rigward tal-prinċipju tal-proporzjonalità, opinjoni minnhom (dwar "It-tishiġ tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika"¹⁵) enfasizzat din il-kwistjoni f'termini ta' proporzjonalità inkluża fil-proposta inizjali tal-Kummissjoni Ewropea rigward il-mezzi biex jiġi żgurat li l-Istati Membri taż-żona tal-euro jikkonformaw mal-Patt ta' Stabbiltà – jiġifieri jekk Stat Membru ma jikkonformax dan għandu jirriżulta fil-waqfien tal-

¹⁴ Ara t-tabelli fl-Appendiċi 1 għal aktar informazzjoni dettaljata dwar l-opinjonijiet elenkati skont il-kummissjonijiet tal-KtR.
¹⁵ R/CdR 224/2010, dwar COM (2010) 250 u COM (2010) 367.

għajnuna li tkun ingħatat fir-rigward tal-politika ta' koeżjoni, il-politika agrikola komuni jew il-politika komuni tas-sajd peress li tali approċċ jolqot ħażin il-prinċipju tal-proporzjonalità u jaffettwa prinċipalment ir-reġjuni li għadhom qed jiżviluppaw u li assolutament għandhom bżonn ta' dawn il-programmi kofinanzjati biex jiffaċċjaw l-iżvantaġġi strutturali tagħhom. Madankollu, fir-rigward tal-kunċett ta' tfassil aħjar tal-liġijiet, ġie espress tħassib f'ħafna mill-opinjoni jiet li jikkonċernaw il-livell ta' konsultazzjoni jew l-involvement tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-tħejjija tal-inizjattivi tal-UE.

Mingħajr ma verament jiżnu l-konformità tal-inizjattivi tal-UE taħt skrutinju mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-opinjoni jiet dejjem qed jisħqu għal aktar involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-tħejjija ta' politiki u leġislazzjoni ġodda, fil-valutazzjoni tal-impatt potenzjali tagħhom u fl-implimentazzjoni tagħhom. Lil hinn mill-oġettiv li jipprevjeni l-ksur tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-monitoraġġ tas-sussidjarjetà għalhekk ser ikun mod biex jiġi promoss il-ħolqien ta' elementi li jwasslu għal mod aħjar kif jiġu prodotti regolati u politiki.

B'mod partikolari fil-każ ta' dokumenti mhux legi slattivi (eż. komunikazzjoni jiet u b'mod speċjali green papers li jħarsu 'l quddiem), il-maġġoranza tal-opinjoni jiet iħeġġu lill-UE biex iżżomm mal-prinċipju tas-sussidjarjetà meta tkun qed titraduċi azzjoni jiet maħsuba fi proposti legi slattivi u enfasizzaw id-diffikultà meta jiġi valutat l-impatt potenzjali tal-miżuri li l-kontenut u n-natura legali tagħhom għad iridu jiġu definiti ċarament. Dan għandu tendenza juri li l-monitoraġġ tas-sussidjarjetà ma jiqafx mal-adozzjoni tal-opinjoni jiet, iżda jista' jiftaħ bieb għall-possibbiltà ta' valutazzjoni tal-impatt.

Għalhekk, l-obbligu li kull abbozz ta' att legi slattiv tal-UE "għandu jinkludi fih dikjarazzjoni bl-elementi dettaljati li tippermetti l-valutazzjoni tar-rispett tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità (...)" huwa sinifikanti għar-rwol tal-KtR bħala gwardjan tas-sussidjarjetà. Barra minn hekk, "[d]in id-dikjarazzjoni għandha tinkludi elementi li jippermettu l-valutazzjoni tal-impatt finanzjarju tal-abbozz u, fil-każ ta' direttiva, tal-implikazzjoni jiet tagħha għar-regoli li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri, inkluż, fejn ikun meħtieġ, il-legi slazzjoni reġjonali". Fl-aħħar nett, għandu jitqies ukoll il-piż amministrattiv jew finanzjarju "li jaqa' fuq (...) l-awtoritajiet reġjonali jew lokali (...)"¹⁶. Ir-rekwiżit li l-opinjoni jiet jinkludu dawn l-elementi jirrikjedi li s-segretarjati tal-kummissjoni jiet u r-relaturi tal-KtR ikollhom aċċess għal sorsi ġodda ta' informazzjoni sabiex jevalwaw sew inizjattiva legi slattiva jew inizjattiva ta' politika tal-UE f'termini ta' sussidjarjetà u proporzjonalità.

Ġie nnotat mill-Bureau f'Uppsala¹⁷ li l-kummenti tal-KtR dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità mhumiex dettaljati u rarament ġew sostnuti minn data sostantiva. Minn dak iż-żmien 'il hawn sar progress, bl-iżvilupp ta' konsultazzjoni jiet imwettqa min-NMS¹⁸, kemm direttament flimkien mat-tħejjija ta' opinjoni tal-KtR jew fil-kuntest ta' valutazzjoni tal-impatt imwettqa mill-Kummissjoni Ewropea. Fi kwalunkwe każ, il-konklużjoni jiet ta' dawn il-konsultazzjoni jiet qed jitressqu lir-relaturi bħala parti mill-materjal ta' informazzjoni għall-abbozzar tal-opinjoni jiet. Tul il-perjodu li ġie

¹⁶ L-Artikolu 5 tal-Protokoll.

¹⁷ *Op. cit.* nota 1, p.2.

¹⁸ Ara punti 3. 2. 2. u 4.1. ta' dan ir-rapport.

osservat, ir-riżultati ta' tmienja minn dawn il-konsultazzjonijiet ingħataw lir-relaturi.

Apparti mill-analiżi tal-forma u l-kontenut tal-valutazzjonijiet tas-sussidjarjetà fl-opinjonijiet tal-KtR, huwa importanti li jkun hemm segwitu mill-qrib tal-inizjattivi tal-UE. Il-monitoraġġ tal-iżvilupp tal-inizjattivi tal-UE b'mod ġenerali u l-mod kif jitqiesu l-pożizzjonijiet tal-KtR b'mod partikolari huma meħtieġa fil-passi li jmiss tal-proċess tat-teħid ta' deċizzjonijiet tal-UE: wieħed jista' jimmaġina l-każ ta' abbozz ta' att leġislattiv li jiġi modifikat sostanzjalment wara l-konsultazzjoni inizjali tal-KtR u eventwalment iqajjem kwistjonijiet relatati mas-sussidjarjetà. Segwitu proattiv u mill-qrib tal-proċess leġislattiv, hekk kif mitlub mir-Regoli ta' Proċedura, ser jiżgura eżerċizzju aktar rigoruż tal-monitoraġġ tas-sussidjarjetà.

Konklużjonijiet dwar il-prinċipju tas-sussidjarjetà fl-opinjonijiet tal-KtR minn Settembru 2009 'l hawn.

- Il-valutazzjoni tal-konformità tal-proposti leġislattivi tal-UE mal-prinċipju tas-sussidjarjetà qed issir parti sistematika tal-opinjonijiet tal-KtR. Id-dimensjonijiet tas-sussidjarjetà, il-proporzjonalità u "ir-regolamentazzjoni aħjar" ukoll qed jitqiesu dejjem iktar fl-opinjonijiet tal-KtR dwar dokumenti mhux leġislattivi tal-UE.
- L-ebda opinjoni ma sabet ksur dirett tal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Opinjoni sabet ksur potenzjali tal-proporzjonalità fi proposti mill-Kummissjoni Ewropea rigward it-tisħiħ tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika¹⁹. Madankollu, ġie espress tħassib f'ħafna mill-opinjonijiet li jikkonċernaw il-konsultazzjoni jew l-involvement tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-tħejjija tal-inizjattivi tal-UE.
- Il-kredibbiltà tal-valutazzjonijiet tas-sussidjarjetà tal-KtR tissaħħaħ b'aktar informazzjoni konkreta dwar l-impatt potenzjali tal-miżuri proposti fil-livell lokali u reġjonali. Dan jista' jitjieb permezz ta' konsultazzjonijiet tal-awtoritajiet lokali u reġjonali permezz tan-netwerks tal-KtR, ibda min-NMS, iżda wkoll b'informazzjoni pprovduta fl-abbozzi tal-atti leġislattivi tal-UE skont l-Artikolu 5 tal-Protokoll. Il-KtR jeħtieġ ukoll li jiżviluppa l-monitoraġġ tas-sussidjarjetà fil-proċess tat-tfassil tal-liġijiet tal-UE wara li jitressqu l-opinjonijiet.

3.2 In-Netzwerk għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà

In-Netzwerk għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà (NMS) tnieda f'April 2007 bħala għodda konsultattiva teknika li tappoġġja l-attivitajiet politiċi tal-KtR. Il-Bureau tal-KtR ħatar koordinatur għan-NMS fl-2010, is-Sur Valcárcel Siso, l-Ewwel Viċi President tal-KtR.

3.2.1 Sħubija

Sitwazzjoni attwali

Is-sħubija tan-NMS iktar minn irduppjat minn mindu twaqqaf in-netwerk.

¹⁹ Ara l-punt 3.1.2.b.

Fil-31 ta' Diċembru 2010 in-Netwerk kien jinkludi **113-il imsieħeb (ara l-Appendiċi 2)**:

- 27 parlament jew assembleji li jirrappreżentaw ir-reġjuni b'setgħat leġislattivi;
- 21 gvern jew eżekuttiv li jirrappreżentaw ir-reġjuni b'setgħat leġislattivi;
- 32 awtorità lokali jew reġjonali mingħajr setgħat leġislattivi;
- 26 assoċjazzjoni tal-awtoritajiet lokali/reġjonali;
- Apparti l-kategoriji li ġew definiti mill-ġdid mill-Bureau f'Uppsala f'Settembru 2009²⁰, l-imsieħba tan-netwerk jinkludu wkoll erba' delegazzjonijiet nazzjonali tal-KtR u tliet parlamenti nazzjonali (ara l-lista tal-imsieħba fl-Appendiċi).

Minn Settembru 2009 'l hawn issieħbu għoxrin imsieħeb: 2 parlamenti reġjonali (L-Assembleji Reġjonali ta' Friuli-Venezia Giulia – IT, u l-Irlanda ta' Fuq – UK), 2 gvernijiet reġjonali (Murcia – ES u Abruzzo – IT), 9 assoċjazzjonijiet tal-gvern lokali (2 Ewropej, 7 nazzjonali), 6 awtoritajiet lokali jew reġjonali individwali mingħajr setgħat leġislattivi, u l-Kunsill Federali Awstrijaku (*Bundesrat*).

B'eċċezzjoni waħda (l-Estonja), in-netwerk huwa magħmul minn imsieħba mill-Istati Membri kollha tal-UE. Madankollu, l-Istati Membri l-ġodda tal-UE mhumiex rappreżentati biżżejjed. L-aħjar li huma rappreżentati huma l-awtoritajiet lokali u reġjonali minn Spanja, il-Ġermanja, l-Awstrija u l-Italja.

Il-Bureau f'Uppsala adotta proċedura ta' ammissjoni ġdida u aktar mgħaġġla. Għaldaqstant, il-President u l-Ewwel Viċi President tal-KtR issa jistgħu jiddeċiedu flimkien dwar l-applikazzjonijiet, li jittressqu lilhom flimkien ma' valutazzjoni teknika mis-Segretarjat, imbagħad kemm jista' jkun malajr jinfurmaw lill-applikanti permezz ta' ittra dwar ir-riżultat tal-applikazzjoni tagħhom. Il-Bureau jirratifika l-kompożizzjoni tan-netwerk fuq bażi annwali.

Evoluzzjoni u l-aħħar tkabbir

Il-Bureau tal-KtR progressivament issemplifika l-kriterji u l-kategoriji tas-sħubija permezz ta' linji gwida li ġew adottati dwar dawn l-aspetti f'Uppsala²¹.

Fil-kuntest ta' dawn il-linji gwida, f'Diċembru 2010 l-President u l-Ewwel Viċi Presidenti tal-KtR nedew sejħa mmirata għall-applikazzjonijiet lejn parlamenti u gvernijiet ta' reġjuni b'setgħat leġislattivi, b'konformità mal-proċedura adottata f'Uppsala.

Fi żmien it-tnedija ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, 27 parlament reġjonali diġà kienu msieħba tan-netwerk u l-CALRE, l-assoċjazzjoni rappreżentattiva tagħhom, kienet membru tan-netwerk (ara wkoll punt VI.B).

Konkluzjonijiet dwar is-shubija tan-NMS

- Il-proċedura l-ġdida għall-ammissjonijiet li twaqqfet wara l-laqgħa tal-Bureau f'Uppsala wriet li

²⁰ R/CdR 196/2009 punt 8b), p.7.

²¹ *Op. cit.* nota 20.

hija effiċjenti ħafna, ċara u utli. It-talbiet għall-applikazzjoni jistgħu jiġu ttrattati malajr, ħaġa li hija apprezzata ħafna mill-applikanti l-ġodda.

- Is-sejħa għall-kandidati mnedija f' Diċembru 2010 mmirata għal reġjuni b' setgħat legiislattivi diġà qed tagħti l-frott. Fl-istess ħin qed jissaħħu wkoll ir-relazzjoni mal-assoċjazzjonijiet tal-parlamenti u l-gvernijiet reġjonali, CALRE u REGLEG.

3.2.2 Attivitajiet tan-NMS

Konsultazzjonijiet immirati

Skont id-Deċiżjonijiet tal-Bureau ta' Dunkirk u Uppsala, bis-saħħa tan-NMS, ir-relaturi tal-KtR jistgħu jwettqu konsultazzjonijiet immirati dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, li jistgħu jibbażaw fuq it-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Sussidjarjetà u l-Proporzjonalità²² jew fuq kwestjonarji speċifiċi li jitqassmu lill-imsieħba rilevanti fin-netwerk. Wieħed għandu jinnota hawnhekk li t-tabella hija disponibbli għall-imsieħba tan-NMS, kif ukoll b'mod aktar mifrux lill-pubbliku inġenerali permezz tas-sit elettroniku tan-NMS. Dan l-istrument li dan l-aħħar ġie adattat għad-dispożizzjonijiet il-ġodda tat-Trattat ta' Lisbona, wera li huwa utli ħafna u kien ta' ispirazzjoni għall-Kummissjoni Ewropea għal-linji gwida tagħha dwar il-valutazzjoni tal-impatt li ġew adottati f' Jannar 2009²³.

Fuq il-bażi tas-sejbiet tal-konsultazzjonijiet, għandu jintbagħat rapport fil-qosor lir-relaturi qabel ma dawn iressqu l-abbozz ta' opinjoni tagħhom. Ir-relaturi jistgħu jaqblu li jipubblikaw ir-rapport fuq is-sit elettroniku tan-netwerk u fuq il-portal TOAD tal-KtR, kif ukoll biex dawn jitqassmu lill-membri tal-kummissjoni rilevanti tal-KtR waqt il-laqgħa kkonċernata. S'issa r-relaturi dejjem qablu li r-rapport jitqassmu b'dan il-mod.

Minn Settembru 2009 'l hawn, ġew organizzati sitt konsultazzjonijiet immirati li rċiew 46 kontributi b'kollox. L-ewwel konsultazzjoni ffokat fuq l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħažgħ²⁴, fejn ir-relatur kien il-membru tal-KtR is-Sur Anton Rombouts (PPE/NL). Fl-aħħar tal-2009 tnediet konsultazzjoni mmirata dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar Pjan ta' Azzjoni dwar it-Mobbiltà Urbana²⁵, fejn ir-relatur kien il-membru tal-KtR Sir Albert Bore.

Konsultazzjoni tan-NMS dwar l-applikazzjoni u l-effikaċja tad-Direttiva EIA u tad-Direttiva SEA²⁶ fejn ir-relatur kien il-membru tal-KtR is-Sur Macario Correia (PT/PPE), twettqet bejn Novembru 2009 u Jannar 2010. Bħala segwitu għal dan l-eżerċizzju u b'konformità mal-kollaborazzjoni tiegħu mal-Kummissjoni Ewropea, f'Lulju 2010 in-NMS ħabbar fuq is-sit elettroniku tiegħu t-tnedija ta' konsultazzjoni tal-Kummissjoni mal-partijiet interessati dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva EIA.

²² Ara hawn fuq, punt 3.1.1.

²³ Ara SEC(2009) 92 tal-15.1.2009, ikkwotat fir-Rapport tal-Kummissjoni dwar is-Sussidjarjetà u l-Proporzjonalità (is-16-il rapport dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet li jkopri s-sena 2008), COM(2009) 504 finali.

²⁴ COM(2009) 200.

²⁵ COM (2009) 490.

²⁶ COM (2009) 378 u COM (2009) 469. EIA: Il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali SEA: Il-Valutazzjoni Strateġika Ambjentali.

F'Lulju 2010, is-Sur Adam Banaszak (PL/EA) iddeċieda li jikkonsulta n-NMS dwar opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar ir-Rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni tal-istrateġija dwar is-saħħa 2008–2013²⁷, li għaliha kien inħatar bħala r-relatur tal-KtR.

Il-konsultazzjoni mmirata dwar It-tisħiħ tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika²⁸ tressqet lin-NMS mis-Sur Konstantinos Tassis (EL/PPE) u f'Diċembru 2010 tnediet konsultazzjoni mmirata dwar Is-sikurezza tat-triq²⁹, fejn ir-relatur kien il-membru tal-KtR is-Sur Johan Sauwens (BE/PPE).

Mill-esperjenza jidher li l-konsultazzjonijiet immirati jiffaċċjaw żewġ limitazzjonijiet kbar fil-ġbir ta' aktar kontributi: iż-żmien qasir li fih iridu jirċievu kontributi minn imsieħba tan-NMS u n-nuqqas ta' programm ta' ħidma tan-Netwerk li jippermetti lill-imsieħba tan-NMS jbassru liema konsultazzjonijiet ser isiru matul is-sena. Ladarba jinħatar relatur tal-KtR, dan jingħata l-possibbiltà li jressaq konsultazzjoni lin-NMS. Ir-rapport tal-konsultazzjoni irid jitlesta ġimgħa qabel ir-relatur iressaq l-ewwel dokument ta' ħidma tiegħu lill-kummissjoni kompetenti. Minħabba f'hekk bosta msieħba tan-NMS mhux qed jirnexxilhom jibagħtu l-kontributi fil-ħin. Skadenzi anqas stretti żgur jgħinu biex jiżdied in-numru ta' kontributi riċevuti.

Min-naħa l-oħra, il-konsultazzjonijiet jitħabbru biss meta r-relatur kompetenti jkun ta l-qbil tiegħu, jiġifieri ftit jiem qabel ma dawn il-konsultazzjonijiet jitmiedu. Dan jimpedixxi li l-imsieħba tan-NMS ikunu ppreparati kif ukoll li jkun hemm riklam tajjeb għall-konsultazzjonijiet.

Dawn iż-żewġ limitazzjonijiet kbar jistgħu jingħelbu bit-twaqqif ta' programm ta' ħidma għan-NMS u bl-estensjoni tal-iskadenzi, minn 8 ġimgħat għal 12-il ġimgħa, meta għandhom jaslu l-kontributi. Madankollu, dawn il-kunsiderazzjonijiet iridu jiġu bbilanċjati mal-ħtieġa li jkun żgurat li r-riżultat tal-konsultazzjonijiet tan-NMS jiddaħħal fil-ħin fil-ħidma tar-relaturi tal-KtR.

Kontributi bil-miftuħ (konsultazzjonijiet bil-miftuħ)

L-imsieħba tan-netwerk ressqu wkoll l-opinjoni tagħhom dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità permezz ta' kontributi bil-miftuħ. Il-kontributi kollha li jiġu riċevuti jittellgħu fuq is-sit elettroniku tan-NMS, u jintbagħtu lis-segretarjat tal-kummissjoni rilevanti tal-KtR.

F'dan il-kuntest l-opinjoni fuq inizjattiva proprja tal-KtR dwar "Innaqqsu l-Illitteriżmu", fejn ir-relatur kienet is-Sinjura Lacombe (FR/PSE), irċeviet tliet kontribuzzjonijiet mill-imsieħba tan-netwerk.

Għandu jiġi enfasizzat li jidher li hemm interess akbar fil-konsultazzjonijiet bil-miftuħ wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona. Fil-fatt, uħud mill-imsieħba tan-Netwerk żiedu l-attività tagħhom fir-rigward tal-analiżi dwar is-sussidjarjetà, b'mod speċjali l-parlamenti nazzjonali u reġjonali fil-kuntest tas-Sistema ta' Twissija Bikrija, u sabu wkoll li n-NMS jista' jkun kanal perfett sabiex jirreklama l-

²⁷ COM(2007) 630

²⁸ COM (2010) 250 u COM (2010) 367.

²⁹ COM (2010) 389 Ir-rapport dwar dan l-eżerċizzju ta' konsultazzjoni huwa disponibbli fuq is-sit elettroniku tan-Netwerk għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà.

analiżi dwar is-sussidjarjetà tagħhom. In-NMS b'kollox irċieva 20 kontribut bil-miftuħ li jikkumentaw dwar 16-il inizjattiva tal-UE.

Konklużjonijiet dwar konsultazzjonijiet immirati u bil-miftuħ

- Il-konsultazzjonijiet immirati huma mezz eċċellenti biex ir-relaturi tal-KtR ikollhom aċċess dirett għal data kwantitattiva u kwalitattiva minn imsieħba tan-netwerk li tippermettathom janalizzaw il-konformità ta' inizjattiva partikolari tal-UE mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.
- Bil-għan li titjeb il-parteċipazzjoni fil-konsultazzjonijiet, ser jiġi ppreżentat programm ta' ħidma għan-NMS lill-Bureau tal-KtR f'Marzu 2011. Dan ser jidentifika firxa ta' dossiers li jistgħu jkunu interessanti mil-lat tas-sussidjarjetà u li għaldaqstant jistgħu jkunu s-suġġett ta' konsultazzjonijiet matul is-sena.

4. IL-KtR JINTEGRA KULTURA TA' SUSSIDJARJETÀ FIL-PROĊESS PRELEĠISLATTIV

4.1 Valutazzjonijiet tal-Impatt Territorjali

Il-valutazzjonijiet tal-impatt huma għodda kruċjali għal regolamentazzjoni aħjar u l-involvement tal-KtR ser jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-ksib ta' ambjent regolatorju aktar ċar u aktar effettiv permezz tal-valur miżjud ta' konsiderazzjonijiet speċifiċi lokali u reġjonali. Dan il-valur miżjud għe rikonoxxut bħala prijorità fil-Ftehim ta' kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Kumitat tar-Reġjuni³⁰ li jsemmi b'mod espliċitu l-parteċipazzjoni tal-KtR f'eżerċizzji ta' valutazzjoni tal-impatt imwettqa mill-Kummissjoni.

Wara d-deċiżjoni tal-Bureau ta' Dunkirk, il-KtR beħsiebu jwettaq eżerċizzji ta' valutazzjoni ta' impatt territorjali "fuq dossiers speċifiċi, li ser jiġu identifikati bħala dawk stipulati taħt il-punt 8 tal-ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-KtR"³¹. B'mod ġenerali, il-kontributi tal-KtR għall-valutazzjonijiet tal-impatt speċifiċi jirriflettu kontribut tekniku mil-lat tal-partijiet interessati lokali u reġjonali u jistgħu jikkostitwixxu sors ta' informazzjoni imprezzabbli għall-membri tal-KtR kif ukoll għall-partijiet interessati kollha.

Bis-saħħa tal-parteċipazzjoni tagħhom fin-NMS, l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jesprimu l-opinjonijiet tagħhom dwar l-inizjattivi futuri tal-UE qabel ma jibda l-proċess leġislattiv. Dan il-mekkaniżmu jgħin biex jiġu evitati kunflitti fir-rigward tal-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà fi stadju bikri ħafna fil-proċess preleġislattiv.

Fl-2009, il-KtR u l-Kummissjoni Ewropea nedew il-kooperazzjoni tagħhom dwar il-valutazzjoni tal-impatt. Bħala l-ewwel pass twettaq test pilota f'Marzu 2009 b'rabta mal-inizjattiva tal-Kummissjoni

³⁰ R/CdR 86/2007 punt 3a) (mhux disponibbli bil-Malti).

³¹ *Op. cit.* nota 8.

għat-tnaqqis tal-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa³².

Fl-aħħar ta' Ottubru 2009, tnieda t-tieni test pilota dwar Direttiva futura dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum uman li tiddel id-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE.

Fl-2010, il-KtR nieda konsultazzjoni dwar l-impatti territorjali tal-Istrateġija tal-Bijodiversità tal-UE wara l-2010. Il-konsultazzjoni saret permezz tal-pjattaformi tal-KtR li ġejjin: in-NMS, il-Pjattaforma Ewropa 2020 u l-grupp ta' esperti tar-REKT. Il-kontributi kollha li ġew riċevuti u rapport dwar il-konsultazzjoni ntbagħtu lill-Kummissjoni Ewropea fl-10 ta' Novembru 2010³³.

Dawn l-eżerċizzji kienu ta' siwi għax żiedu s-sensibilizzazzjoni fost l-uffiċjali tal-UE dwar il-bżonn u l-importanza li titqies il-perspettiva lokali u reġjonali fl-analiżi tagħhom. Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, is-Sinjura Catherine Day, baġtet ittra lid-Diretturi Ġenerali kollha biex thegġgħom jikkuntattjaw lill-Kumitat tar-Reġjuni u qalet "li fiż-żewġ każijiet is-servizzi sabu li l-kooperazzjoni mal-Kumitat kienet effettiva u li r-riżultati tagħha kienu siewja"³⁴.

Konklużjonijiet dwar il-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali

- Il-konsultazzjonijiet dwar il-valutazzjoni tal-impatt huma mezz eċċellenti biex l-opinjonijiet tal-awtoritajiet lokali u reġjonali jitqiesu mill-Kummissjoni Ewropea sa mill-fażi prelegislattiva.
- Il-KtR, permezz tan-netwerks tiegħu, qed jikkontribwixxi għat-tixrid ta' kultura tas-sussidjarjetà fil-fażi prelegislattiva bis-saħħa ta' valutazzjonijiet tal-impatt territorjali. Bit-tkabbir tal-bażi ta' konsultazzjoni tan-NMS, il-KtR ser isir aktar kredibbli u jista' jsir imsieħeb privileġġjat fir-relazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet lokali u reġjonali f'din il-fażi prelegislattiva.

4.2 Il-Pjan ta' Azzjoni tan-Netwerk għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà

Bħala segwitu għar-Raba' Konferenza dwar is-Sussidjarjetà li saret f' Milan f' Mejju 2009, il-President tal-KtR u l-Ewwel Viċi President stiednu lill-imsieħba tan-netwerk biex jipparteċipaw fl-ewwel Pjan ta' Azzjoni tan-NMS³⁵.

Kif irrapportaw il-President u l-Ewwel Viċi President lill-Bureau f' Settembru 2009³⁶ f' Uppsala, l-għan tal-Pjan ta' Azzjoni huwa li jidentifika esperjenzi u prattiki tajbin fl-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà fir-reġjuni u l-bliet tal-Ewropa. Huwa jikkomplementa l-attivitajiet tan-NMS u

³² Komunikazzjoni dwar is-solidarjetà fis-saħħa: it-tnaqqis tal-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa fl-UE, inizjattiva konġunta bejn id-DG SANCO u id-DG EMPL [2009/SANCO+/031].

³³ 'Analysis responses of CoR survey – Assessment of Territorial Impacts of the EU Post-2010 Biodiversity Strategy' (analiżi tat-tweġibiet għall-istharrġ tal-KtR – Valutazzjoni tal-impatti territorjali tal-Istrateġija tal-Bijodiversità tal-UE wara l-2010) http://portal.cor.europa.eu/subsidiarity/SiteCollectionDocuments/order%203075_biodiversity%20survey_FINAL_with%20chang es.pdf (mhux disponibbli bil-Malti).

³⁴ Ittra tat-8 ta' Marzu 2010 (SG C2 AK/lb).

³⁵ Ittra tad-29 ta' Ġunju 2009, PCab/EG/JB/ff/D/1808/2009.

³⁶ *Op. cit.* nota 20. pp. 9-10.

janalizza firxa ta' oqsma ta' politika tal-UE fid-dawl tas-sussidjarjetà.

Il-valur miżjud li jipprovdi l-Pjan ta' Azzjoni ġie enfasizzat fid-Deċiżjoni tal-Bureau ta' Uppsala: “(...) [p]ermezz tar-raggruppament volontarju tal-imsieħba b'interessi simili tista' tinħoloq bażi ta' konsultazzjoni speċjalizzata li tiġi identifikata b'mod faċli u li tkun tista' tintuża b'mod aktar faċli meta titnieda attività partikolari tan-Netzwerk”³⁷.

B'konformità mad-dikjarazzjoni li saret mill-Bureau ta' Uppsala, il-Pjan ta' Azzjoni nqasam f'pilastru li jikkorrispondu mal-oqsma ta' politika li fihom l-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà titqies bħala partikolarment rilevanti u fejn jeżistu eżempji tal-aħjar Prattiki fil-livell tal-awtoritajiet lokali u reġjonali. L-oqsma ta' politika magħżula għall-ewwel edizzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni huma dawn li ġejjin: l-integrazzjoni tal-immigranti; il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima; il-politiki u d-drittijiet soċjali; il-politika tas-saħħa u l-innovazzjoni. Fi ħdan kull qasam ta' politika, il-gruppi ta' ħidma korrispondenti għażlu suġġetti speċifiċi biex jaħdmu fuqhom.

Ir-rapporti tal-gruppi ta' ħidma ser jinkludu analiżi tal-mod kif il-kompetenzi huma maqsuma bejn il-livelli differenti fil-qasam ta' politika rispettiv, tal-aħjar Prattiki fil-livell lokali u reġjonali li jipprovdu viżjoni Prattika u konkreta tal-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, konklużjonijiet u suġġerimenti politiċi, b'mod partikolari dwar il-qsim tal-kompetenzi fil-qasam ta' politika kkonċernat. Kull rapport għandu sezzjoni ddedikata lill-prinċipju tas-sussidjarjetà li fiha l-membri tal-gruppi ta' ħidma inkludew il-fehmiet u r-riflessjonijiet tagħhom dwar is-sussidjarjetà fil-kuntest tas-suġġett speċifiku.

L-ewwel grupp ta' ħidma, immexxi mill-gvern reġjonali tal-Pajjiż Bask iffoka fuq l-innovazzjoni soċjali. Membri oħra ta' dan il-grupp ta' ħidma kienu r-reġjun ta' Wielkopolska, ir-reġjun Fjamming u r-reġjun tal-Veneto. Żewġ membri ta' dan il-grupp ta' ħidma (ir-reġjun ta' Wielkopolska u l-gvern Bask) ipparteċipaw ukoll fil-Workshop Tematiku dwar is-Sussidjarjetà, organizzat matul l-Open Days³⁸.

It-tieni grupp, immexxi mill-gvern reġjonali ta' Vorarlberg ħadem fuq l-involvement tal-pubbliku fis-soluzzjonijiet sostenibbli tal-enerġija. Il-membri l-oħra ta' dan il-grupp ta' ħidma huma l-imsieħba tan-NMS li ġejjin: il-gvern reġjonali tal-Pajjiż Bask, il-Belt ta' Gothenburg, il-Muniċipalità ta' Erlangen u n-Netzwerk Stad Twente, irrappreżentat mill-Muniċipalità ta' Hengelo.

It-tielet grupp ta' ħidma twaqqaf dwar l-integrazzjoni tal-immigranti fiż-żoni urbani u tmexxa mill-Parlament Katalan. Membri oħra ta' dan il-grupp ta' ħidma kienu l-Assoċjazzjoni Finlandiża tal-Awtoritajiet Lokali, l-Assoċjazzjoni Ġermaniża tal-Irħula u l-Muniċipalitajiet u l-Muniċipalità ta' Patras. L-Assoċjazzjoni Svediża tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali (SALAR) u l-Unjoni tal-Provinċji Taljani wkoll esprimew interess f'dan il-grupp u segwew il-ħidma tiegħu mingħajr ma kellhom il-possibbiltà, f'termini ta' riżorsi, li jipparteċipaw b'mod attiv. Fid-dawl tal-possibbiltà li l-ħidma ta' dan il-grupp ta' ħidma tintrabat mal-attività konsultattiva tal-KtR u l-eżerċizzju ta' valutazzjoni tal-

³⁷ *Op. cit.* nota 20.

³⁸ Ara wkoll punt 5.2.

impatt previst mill-Kummissjoni Ewropea għall-2011 f'dan ir-rigward, hemm il-possibbiltà li l-grupp ikompli jaħdem fuq dan is-suġġett anke fl-2011.

Ir-raba' grupp ta' ħidma tal-Pjan ta' Azzjoni tmexxa mir-Reġjun tal-Lombardija u ffoka fuq l-inugwaljanzi tas-saħħa. Ir-Reġjun ta' Valencia, l-Assoċjazzjoni Finlandiża tal-Awtoritajiet Lokali u r-Reġjun Svediż ta' Vastra Götaland kienu l-membri ta' dan il-grupp ta' ħidma. L-inugwaljanzi fis-saħħa kien suġġett li dwaru l-KtR ħadem minn bosta approċċi³⁹.

Il-ħames grupp ta' ħidma ffoka fuq il-ġlieda kontra l-faqar u tmexxa minn Arco Latino. Il-membri l-oħra ta' dan il-grupp ta' ħidma kienu r-reġjun ta' Wielkopolska, ir-reġjun tal-Veneto u l-Unjoni tal-Muniċipalitajiet ta' Ċipru. Is-sena Ewropea għall-ġlieda kontra l-faqar provdied kuntest eċċellenti għall-grupp ta' ħidma dwar il-politiki u d-drittijiet soċjali biex jiffoka fuq dan is-suġġett.

Ir-riżultati tal-gruppi ta' ħidma ser jiġu ppreżentati matul il-Konferenza li jmiss dwar is-Sussidjarjetà fil-21 ta' Marzu 2011. Din il-konferenza għandha tlaqqa' l-parteċipanti kollha fil-Pjan ta' Azzjoni u għandha sservi ta' opportunità eċċellenti biex jiġu ppreżentati r-riżultati tal-ħidma tagħhom kif ġie ssuġġerit wara l-aħħar Konferenza dwar is-Sussidjarjetà f'Milan.

Konklużjonijiet dwar il-Pjan ta' Azzjoni tan-NMS

- L-ewwel Pjan ta' Azzjoni tan-NMS ġie implimentat u r-riżultati ser jiġu ppreżentati matul il-Konferenza li jmiss dwar is-Sussidjarjetà.
- Il-Pjan ta' Azzjoni indirizza l-għanijiet stabbiliti fid-deċiżjoni tal-Bureau ta' Uppsala:
 - billi ħoloq fonti ta' għarfien espert fi ħdan in-netwerk li jista' jintuża għal konsultazzjonijiet speċjalizzati relatati mal-attivitajiet tan-netwerk;
 - billi jipprovdi eżempji konkreti tal-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà fi ħdan diversi oqsma ta' politika, il-Pjan ta' Azzjoni jista' jintuża bħala sors addizzjonali ta' informazzjoni u ta' ideat li jista' jintuża biex jappoġġja l-opinjoni tal-KtR u jikkontribwixxi għall-Workshops Tematiċi dwar is-Sussidjarjetà.
- It-tieni edizzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tan-NMS ser titħabbar matul il-Konferenza li jmiss dwar is-Sussidjarjetà.

4.3 Relazzjonijiet mal-parlamenti reġjonali fil-kuntest tas-Sistema ta' Twissija Bikrija

Is-Sistema ta' Twissija Bikrija⁴⁰ ġiet stabbilita mit-Trattat ta' Lisbona u għall-ewwel darba tinvolvi lill-parlamenti nazzjonali fil-proċess leġislattiv tal-UE peress li jistgħu jgħidgħu opinjonijiet raġunati dwar il-fatt li abbozz ta' att leġislattiv tal-UE ma jkunx konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. F'dan l-ambitu, “[k]ull parlament nazzjonali u kull kamra ta' parlament nazzjonali jistgħu

³⁹ L-ewwel nett, il-KtR ipparteċipa fil-valutazzjoni tal-impatti territorjali ta' inizjattiva tal-KE dwar l-inugwaljanzi tas-saħħa. F'Mejju 2009, intbagħat rapport finali dwar din il-konsultazzjoni lill-Kummissjoni Ewropea. Wara li l-Kummissjoni Ewropea ħarġet il-proposta tagħha f'dan il-qasam ta' politika, f'Ottubru 2009, il-KtR ħareġ opinjoni dwar dan id-dossier, li r-relatur tiegħu kien is-Sur Dave Wilcox (UK/PSE).

⁴⁰ Ara wkoll il-punt li jmiss.

jikkonsultaw, fejn ikun xieraq, mal-Parlamenti reġjonali li jkollhom setgħat legiſlattivi.”⁴¹

Il-possibbiltà li tiġi involuta s-Sistema ta' Twissija Bikrija hija ta' tħassib għal bosta parlamenti reġjonali b'setgħat legiſlattivi li qed ifittxu modi kif jadattaw l-istrutturi tagħhom biex jużaw bis-sħiħ il-prerogattivi ġodda tagħhom fir-rigward tas-sussidjarjetà. F'dan il-kuntest, ir-rappreżentanti ta' bosta parlamenti reġjonali li huma membri tan-NMS talbu tmexxija u parir dwar kif jistgħu jadattaw l-istrutturi interni tagħhom u jfasslu l-analiżi tas-sussidjarjetà tagħhom fil-ħin.

Fil-kuntest tal-attivitajiet tal-Kummissjoni CIVEX tal-KtR, ġie deċiż li għandu jitnieda studju dwar ir-rwol tal-parlamenti reġjonali fi ħdan is-Sistema ta' Twissija Bikrija. B'mod speċifiku, ir-rappreżentanti tal-Assemblea ta' Wales, l-Assemblea ta' Extremadura u l-Parlament tal-Istat tal-Bavaria esprimew interess fir-riżultati tal-istudju u l-attivitajiet tan-NMS f'dan il-qasam. L-għan ta' dan l-istudju, imwettaq mill-Istitut Ewropew tal-Amministrazzjoni Pubblika (EIPA, Barċellona), huwa li jipprovdri informazzjoni ta' sfond għall-imsieħba tan-NMS u għall-parlamenti reġjonali l-oħra kollha b'setgħat legiſlattivi dwar xi rwol jista' jkollhom fil-kuntest tas-Sistema l-għdida ta' Twissija Bikrija kif ukoll li janalizza kif in-NMS jista' jottimizza l-funzjonalità tiegħu għall-membri tiegħu li huma kkonċernati minn dan il-mekkaniżmu. L-istudju jinkudi deskrizzjoni sħiħa tal-mekkaniżmi stabbiliti fil-livelli nazzjonali u reġjonali fit-tmien Stati Membri li għandhom parlamenti reġjonali b'setgħat legiſlattivi (AT, BE, DE, ES, FI, IT, PT, UK) kif ukoll deskrizzjoni tal-kanali ta' informazzjoni u l-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni bejn dawn il-livelli u l-istituzzjonijiet tal-UE. Jiġbor fih ukoll l-aħjar prattiki li diġà jeżistu f'dan il-qasam.

Ir-riżultati tal-istudju, li għandhom jiġu ppreżentati matul il-Ħames Konferenza dwar is-Sussidjarjetà, ser jikkontribwixxu għall-aġġustamenti tal-istruttura u l-funzjonament tan-NMS.

Bħala rispons addizzjonali għar-riżultati tal-istudju, fil-futur qarib tista' tinħoloq bażi tad-data speċifika għall-parlamenti reġjonali fil-kuntest tas-Sistema ta' Twissija Bikrija fi ħdan is-sit elettroniku tan-NMS (REGPEX). Bażi tad-data bħal din tista' sservi ta' ekwivalenti għas-sit elettroniku tal-IPEX li jintuża mill-parlamenti nazzjonali għal skambju ta' informazzjoni dwar inizjattivi tal-UE, inklużi kwistjonijiet dwar is-sussidjarjetà.

Konklużjonijiet dwar relazzjonijiet mal-parlamenti reġjonali

- Xi parlamenti reġjonali b'setgħat legiſlattivi li huma msieħba fin-NMS esprimew x-xewqa tagħhom li jkollhom aktar tmexxija min-NMS dwar verifiki tas-sussidjarjetà li għandhom jitwettqu fis-Sistema ta' Twissija Bikrija.
- Il-bażi tad-data mfaſsla għall-parlamenti reġjonali, REGPEX, tista' tkun operattiva fil-futur qarib. Din il-bażi tad-data tista' tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni u l-komunikazzjoni bejn il-parlamenti reġjonali fil-kuntest tas-Sistema ta' Twissija Bikrija.
- Il-programm ta' ħidma għdid tan-NMS ser jidentifika għadd ta' dossiers li jistgħu jkunu s-suġġett ta' verifika tas-sussidjarjetà taħt is-Sistema ta' Twissija Bikrija. In-NMS tista' tniedi

⁴¹ L-Artikolu 6 tal-Protokoll.

eżerċizzji ta' kontroll fuq dossiers partikolari.

- Fil-qafas tas-Sistema ta' Twissija Bikrija, qed jissaħħu r-relazzjonijiet mal-CALRE u l-membri tagħha.

4.4 Relazzjonijiet mal-parlamenti nazzjonali

Ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fil-monitoraġġ tas-sussidjarjetà għe stabbilit fit-Trattat ta' Lisbona. Fi kliem konkret, is-Sistema l-għdida ta' Twissija Bikrija tqiegħed lill-parlamenti nazzjonali fuq quddiem nett tal-proċess tal-valutazzjoni tal-konformità ta' abbozzi ta' leġislazzjoni tal-UE mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

L-istudju msemmi hawn fuq dwar ir-rwol tal-parlamenti reġjonali fi ħdan is-Sistema ta' Twissija Bikrija jinkludi sezzjoni sħiħa ddedikata għall-parlamenti nazzjonali u r-relazzjonijiet tagħhom mal-parlamenti reġjonali fil-kuntest tas-Sistema ta' Twissija Bikrija. Skont ir-risultati tal-istudju, għew stabbiliti u ser jissoktaw kuntatti regolari u skambji ta' informazzjoni ma' għadd ta' parlamenti nazzjonali.

Konklużjonijiet dwar relazzjonijiet mal-parlamenti nazzjonali

- Il-parlamenti nazzjonali jinsabu fuq quddiem nett tal-proċess tal-monitoraġġ tas-sussidjarjetà fil-kuntest tas-Sistema ta' Twissija Bikrija.
- Li jiġu identifikati l-proċeduri ta' konsultazzjoni tal-parlamenti nazzjonali mal-parlamenti reġjonali fil-qafas tas-Sistema ta' Twissija Bikrija hija prijorità għan-NMS.

4.5 Relazzjonijiet mal-istituzzjonijiet tal-UE

4.5.1 Il-Kummissjoni Ewropea

Il-Kummissjoni Ewropea irreferiet b'mod regolari għall-attivitajiet tal-monitoraġġ tas-sussidjarjetà tal-KtR fir-rapporti annwali tagħha dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet u l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità⁴². Mill-14-il rapport dwar Leġislazzjoni Aħjar⁴³ 'il quddiem, il-Kummissjoni rreferiet direttament għall-attivitajiet tan-NMS tal-KtR kif ukoll għall-attivitajiet relatati mas-sussidjarjetà ta' partijiet interessati oħrajn, bħall-parlamenti nazzjonali⁴⁴.

Fil-5 ta' Mejju 2010, il-KtR baġħat il-kontribut tiegħu lill-Kummissjoni Ewropea li ntuża fir-rapport tal-Kummissjoni dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità tal-2009⁴⁵. Il-kontribut jikkunsidra l-attivitajiet kollha imwettqa min-NMS fl-2009 kif ukoll l-aktar attivitajiet rilevanti relatati mal-

⁴² Rapporti skont l-Artikolu 9 tal-Protokoll.

⁴³ COM(2007) 286 finali

⁴⁴ Ara pereżempju l-15-il Rapport dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, COM(2008) 586 finali.

⁴⁵ COM (2010) 547 finali, Rapport mill-Kummissjoni dwar is-Sussidjarjetà u l-Proporzjonalità (is-17-il rapport dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet li jkopri s-sena 2009).

monitoraġġ tas-sussidjarjetà fi ħdan il-KtR.

Barra minn hekk, mill-2009 'l quddiem in-netwerk ipparteċipa fi tliet eżerċizzji ta' valutazzjoni tal-impatt imwettqa mill-Kummissjoni Ewropea⁴⁶.

Kif previst mill-Ftehim ta' Kooperazzjoni⁴⁷, permezz tan-NMS tiegħu, il-KtR jappoġġja b'mod regolari l-attività tal-Kummissjoni Ewropea tul il-fażi prelegislattiva. B'mod konkret, in-NMS ikkollabora mal-Kummissjoni fis-sejħa għal konsultazzjonijiet pubbliċi u biex jiggwidahom fid-direzzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali. Din il-kollaborazzjoni diġà rċeviet feedback pożittiv u x'aktarx ser tissaħħa fil-futur.

Konklużjonijiet dwar relazzjonijiet mal-Kummissjoni Ewropea

- Il-kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea permezz tal-parteċipazzjoni tal-KtR fl-eżerċizzji ta' valutazzjoni tal-impatt għandha tiġi żviluppata u tittejjeb aktar skont il-Ftehim ta' Kooperazzjoni, inkluż għall-kontribut tal-KtR għar-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet

4.5.2 Il-Parlament Ewropew

Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, il-Parlament Ewropew adatta r-regoli ta' proċedura tiegħu biex issa jkun jista' jqis l-opinjoni tal-KtR li jopponu abbozzi ta' atti legiſlattivi tal-UE fuq il-bażi ta' ksur tal-prinċipju tas-sussidjarjetà⁴⁸. Taħt dan l-Artikolu, opinjonijiet bħal dawn ser jiġu riferuti lill-kumitati parlamentari rilevanti u jistgħu jintużaw bħala bażi għall-votazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet qabel ma jitlestha l-ewwel qari.

Wara l-introduzzjoni ta' dawn il-bidliet imsemmija hawn fuq, ir-referenzi għas-sussidjarjetà fl-opinjoni tal-KtR għandhom iqisu l-fatt li ser jiġu eżaminati u analizzati f'aktar dettall mill-Parlament Ewropew. Il-KtR ser isegwi u jeżamina wkoll il-monitoraġġ tas-sussidjarjetà tal-Parlament Ewropew⁴⁹.

L-estensjoni tal-proċedura ta' kodeċizzjoni taħt it-Trattat ta' Lisbona żiedet l-għadd ta' każijiet li fihom il-Parlament Ewropew jikkoleġisla. F'dan il-kuntest, huwa importanti li l-Parlament jidentifika b'mod preċiż it-tqassim eżistenti tal-kompetenzi fl-Istati Membri għal qasam ta' politika partikolari. Flimkien mal-Parlament Ewropew, il-KtR jista' janalizza l-possibbiltà li jitlob lill-Kummissjoni

⁴⁶ Ara punt 4. 1.

⁴⁷ R/CdR 86/2007 punt 3a) (mhux disponibbli bil-Malti).

⁴⁸ L-Artikolu ġdid 36(a), kif previst fir-rapport tal-Parlament Ewropew dwar l-adattament tar-Regoli ta' Proċedura skont it-Trattat ta' Lisbona, addottat mill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali fis-27 ta' April 2009, Emenda 4 għar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, relatur: is-Sur Richard Corbett (PSE/UK), A6-0277/2009.

⁴⁹ F'ittra mingħand is-Segretarju Ġenerali tal-KtR lis-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew (11 ta' Ottubru 2010) ġie suġġerit dan li ġej: a) li l-KtR jieħu sehem fir-reviżjoni tal-ftehim interistituzzjonali dwar il-valutazzjonijiet tal-impatt; b) li jkun hemm kooperazzjoni iktar mill-qrib bejn il-KtR u l-Parlament Ewropew biex jissaħħu l-aspetti territorjali tal-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni Ewropea; c) li jkun hemm kooperazzjoni matul il-fażi postlegislattiva, għal evalwazzjoni ex post tal-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE mill-awtoritajiet lokali u reġjonali.

Ewropea tidentifika liema dossiers x'aktarx jolqtu l-kompetenzi lokali u/jew reġjonali li diġà huma fil-fażi tal-valutazzjoni tal-impatt.

Kelliema mill-Parlament Ewropew ġew mistiedna b' mod regolari fl-avvenimenti dwar is-sussidjarjetà organizzati mill-KtR u n-NMS tiegħu. Dan ser iseħħ ukoll għall-Konferenza dwar is-Sussidjarjetà tal-2011 bil-għan li jissaħħu l-kuntatti u li l-Parlament jiġi infurmat bis-sħiħ dwar l-attivitajiet imwettqa mill-KtR fil-qasam tal-monitoraġġ tas-sussidjarjetà.

Konklużjonijiet dwar relazzjonijiet mal-Parlament Ewropew

- Il-kuntatti u l-kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew għandhom jissoktaw fil-futur b'attenzjoni speċjali għall-valutazzjoni tal-impatt matul il-fażi prelegislattiva u l-monitoraġġ tas-sussidjarjetà.
- Tista' tiġi analizzata l-possibbiltà ta' aktar kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE u l-evalwazzjoni ex-post.
- Il-parteċipazzjoni tal-Parlament Ewropew fil-Konferenza dwar is-Sussidjarjetà 2011 ser trawwem il-kooperazzjoni mal-KtR fil-qasam tal-monitoraġġ tas-sussidjarjetà.

5. KOMUNIKAZZJONI U AVVENIMENTI

5.1 Is-sit elettroniku tan-NMS

Il-Bureau ddikjara mill-ġdid f'Uppsala li "L-iżvilupp tas-sit elettroniku l-ġdid tan-Netwerk għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà huwa prijorità għall-Kumitat tar-Reġjuni"⁵⁰. Fil-fatt, is-sit elettroniku tan-NMS huwa l-għodda prinċipali tan-netwerk. Essenzjalment, l-attivitajiet tan-NMS isiru permezz ta' komunikazzjoni elettronika u l-internet – konsultazzjonijiet, pubblikazzjonijiet u skambju ta' dokumenti, b' mod partikolari fi ħdan il-gruppi ta' hídma tal-Pjan ta' Azzjoni.

Is-sit elettroniku l-ġdid tan-NMS tnieda f'Diċembru 2010. Dan is-sit ser ikabbar il-viżibbiltà tan-netwerk u l-attivitajiet tiegħu, fi ħdan il-KtR u lil hinn, fir-rigward tal-istituzzjonijiet tal-UE u l-awtoritajiet lokali u reġjonali.

Din il-bidla kienet opportunità tajba wkoll biex jiġi aġġornat is-sit elettroniku bl-aħħar għodda ta' ġestjoni tal-internet⁵¹.

⁵⁰ *Op. cit.* nota 20, p.11.

⁵¹ Is-sit issa huwa bbażat fuq teknoloġija web 2.0 (Sharepoint), u dan ifisser li l-interattività hija aktar faċli għall-imsieħba tan-NMS. Is-sit il-ġdid jinkludi l-funzjonijiet li ġejjin: a) seġha għal membri ġodda permezz ta' formola onlajn fis-sit tan-NMS; b) wara li jissieħbu, il-membri l-ġodda jirċievu login u password personali biex ikunu jistgħu jaċċessaw is-sit tan-NMS, inkluż pakkett ta' għodod (b' aċċess għat-tabella l-ġdida tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità li tirrifletti l-bidliet introdotti mit-Trattat ta' Lisbona), u l-informazzjoni disponibbli kollha fil-pjattaforma; c) il-funzjonijiet ta' tfittxija huma mtejba, u jippermettu aċċess għad-dokumenti ppubblikati mill-Kummissjoni Ewropea, u jagħtu l-possibbiltà li jiġi segwit il-proċess legiſlattiv (link għall-PRELEX u għall-bażi tad-data tal-Osservatorju Legiſlattiv tal-Parlament Ewropew) u li jiġi kkonsultat l-istatus ta' konsultazzjonijiet relatati man-NMS.

Il-membri jistgħu jagħżlu li jirċievu RSS feeds u jibqgħu aġġornati dwar l-aħħar aħbarijiet, avvenimenti, valutazzjonijiet tal-impatt, konsultazzjonijiet, eċċ.

L-iżvilupp tas-sit elettroniku tan-NMS għadu għaddej u fl-2011 għandhom jiġu żviluppati għadd ta' funzjonijiet ġodda.

- Permezz ta' sezzjoni ddedikata (REGPEX⁵²) lir-reġjuni b' setgħat leġiżlattivi, il-parlamenti reġjonali ser ikunu jistgħu jifgħu l-analiżi tas-sussidjarjetà tagħhom fis-sit elettroniku, b'mod partikolari fi ħdan il-proċedura ta' twissija bikrija, ikollhom skambji mal-kontropartijiet tagħhom fi Stati Membri oħra, u jżommu ruħhom aġġornati mal-iżviluppi fil-parlamenti nazzjonali permezz tal-link għall-IPEX, il-bażi tad-data li tintuża mill-parlamenti nazzjonali għall-iskambju ta' informazzjoni dwar dokumenti tal-UE;
- Il-profilu tal-imsieħba tan-NMS ser jiġu żviluppati, b'links għas-siti elettroniku tagħhom;
- Fora speċjali dwar kwistjonijiet tematiċi pereżempju biex il-gruppi ta' ħidma tal-Pjan ta' Azzjoni jkollhom skambji diretti fi ħdan sezzjonijiet iddedikati b'aċċess ristrett.

Apparti s-sit elettroniku tan-NMS, huwa importanti li l-attivitajiet tan-NMS jiġu integrati fl-għodda ta' komunikazzjoni usa' tal-KtR peress li n-NMS jagħmel parti mill-ħidma konsultattiva tal-KtR. Għandhom jitqassmu inviti għall-parteċipazzjoni fil-konsultazzjoni permezz tal-għodod ta' komunikazzjoni kollha disponibbli. Avvenimenti bħall-konferenzi, workshops matul l-Open Days, laqgħat tal-imsieħba tan-NMS mal-assoċjazzjonijiet, uffiċċji reġjonali eċċ. jintużaw ukoll għall-promozzjoni tal-attivitajiet tan-NMS.

Konkluzjonijiet dwar is-sit elettroniku l-ġdid tan-NMS

- Is-sit elettroniku l-ġdid tan-NMS issa huwa operattiv u għandu jiffaċilita parteċipazzjoni akbar, kemm kwantitattiva (aktar imsieħba) kif ukoll kwalitattiva (parteċipazzjoni akbar u iktar interazzjoni fost l-imsieħba) fin-Network.
- Is-sit elettroniku tan-NMS ser ikompli jirfina l-għodod offruti mill-imsieħba tan-NMS bil-għan li jottimizza l-possibilitajiet offruti mit-Trattat ta' Lisbona f'termini ta' monitoraġġ tas-sussidjarjetà.
- In-NMS u l-konsultazzjonijiet tiegħu b'mod sistematiku għandhom jagħmlu parti mill-istrateġija ġenerali tal-komunikazzjoni tal-KtR, bl-istess mod li jintegraw fil-proċess tal-abbozzar tal-opinjoni.

5.2 Workshops tematiċi dwar is-sussidjarjetà

B'konformità mad-deċiżjoni tal-Bureau ta' Uppsala⁵³, il-workshops tematiċi dwar is-sussidjarjetà li jinvolvu lill-imsieħba tan-networks jiġu organizzati b'mod regolari. Il-kwistjonijiet diskussi huma relatati mal-prijoritajiet tal-aġenda leġiżlattiva tal-UE u huma marbutin b'mod partikolari mal-attivitajiet tan-Network.

L-iskop tal-workshops tematiċi dwar is-sussidjarjetà huwa li jiddiriegħu d-dibattitu dwar is-

⁵² Ara punt 4.3. ta' dan ir-rapport.

⁵³ *Op. cit.* nota 20.

sussidjarjetà lejn kwistjonijiet prattiċi fit-tfassil tal-politika fi ħdan setturi speċifiċi, jiġifieri oqsma ta' politika fejn id-deċiżjonijiet jittieħdu l-aktar fil-livelli lokali, reġjonali jew nazzjonali. Il-workshops tematiċi dwar is-sussidjarjetà jħeġġu djalogu bejn il-partijiet interessati rilevanti (l-istituzzjonijiet tal-UE, l-awtoritajiet lokali u reġjonali rrappreżentati fin-NMS, think tanks, eċċ.) b'enfasi fuq inizjattiva jew aktar tal-UE.

F'Ottubru 2009, matul l-Open Days, ġie organizzat workshop tematiku dwar is-sussidjarjetà. Il-workshop iffoka fuq l-innovazzjoni u s-sussidjarjetà u kien ta' suċċess kemm f'termini ta' parteċipazzjoni kif ukoll f'termini ta' interess muri mill-imsieħba tan-netwerk u l-pubbliku inġenerali. L-imsieħba tan-NMS kellhom l-opportunità li jiltaqgħu ma' rappreżentanti mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Parlament Ewropew u jiddiskutu dwar is-sussidjarjetà fil-qasam tal-innovazzjoni u r-riċerka.

Workshop tematiku ieħor dwar is-sussidjarjetà ġie organizzat fl-Open Days f'Ottubru 2010. Dan il-workshop iffoka fuq l-innovazzjoni soċjali u b' mod partikolari fuq kif l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jipprovdut soluzzjonijiet innovattivi bil-għan li jiksbu aktar koeżjoni soċjali. B'rabta mal-Pjan ta' Azzjoni tan-NMS imsemmi hawn fuq, ir-rappreżentanti ta' żewġ gruppi ta' ħidma ħadu sehem fil-workshop u ppreżentaw il-proposti tagħhom fil-qasam tal-innovazzjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali. Dan il-workshop tematiku dwar is-sussidjarjetà pprovdut opportunità eċċellenti biex minn issa jitressqu xi riżultati taż-żewġ gruppi ta' ħidma msemmija u biex jiġi analizzat kif l-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà tista' twassal għal proġetti ta' suċċess f'dawk l-oqsma ta' politika.

Fl-2011, għandu jiġi organizzat workshop tematiku ieħor dwar is-sussidjarjetà fil-kuntest tal-Open Days, b'rabta mat-tema ġenerali tal-Istrateġija Ewropa 2020. Peress li issa n-NMS għandu koordinatur fil-livell politiku, il-workshop jista' jinvolvi aktar politiċi u membri tal-KtR.

Konkluzjonijiet dwar il-workshops tematiċi dwar is-sussidjarjetà

- Il-workshops tematiċi dwar is-sussidjarjetà huma għodda importanti biex titjeb il-viżibbiltà tan-NMS u biex jiġi kkomunikat il-kunċett ta' sussidjarjeta lill-imsieħba tan-netwerk u lill-pubbliku inġenerali.
- Kienu wkoll strument utli ħafna biex titrawwem kultura ta' sussidjarjetà fost l-imsieħba tan-netwerk u l-istituzzjonijiet tal-UE.

6. KONKLUŻJONIJET ĠENERALI

L-2010 kienet l-ewwel sena tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet il-ġodda introdotti mit-Trattat ta' Lisbona. B'konsegwenza tal-qafas legali u istituzzjonali ġdid, il-KtR qed jiffaċċja sfidi konsiderevoli fir-rigward tal-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà fil-proċess kollu tat-tfassil tal-politika.

Waħda mill-akbar novitajiet tat-Trattat ta' Lisbona, id-dritt tal-KtR li jressaq azzjoni quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fuq il-bażi tas-sussidjarjetà, għamlet lill-Kumitat wieħed mill-punti ta' referenza fil-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Għaldaqstant, il-KtR adatta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu u żdiedet il-ħidma biex tiġi evalwata l-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà: it-tabella l-ġdida tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità hija eżempju wieħed tat-titjib li sar fl-2010.

In-NMS tal-KtR esperjenza wkoll bidliet importanti mill-1 ta' Diċembru 2009. Illum, tliet snin wara l-ħolqien tiegħu jidher ċar li hemm evoluzzjoni fl-għadd ta' imsieħba tan-NMS u l-bidliet kollha introdotti mill-Bureau f'Uppsala jidher li huma effettivi, l-istess japplika għas-sejħa għall-applikazzjonijiet li tnediet fl-2010. In-numru ta' membri li jissiehu fin-NMS qed dejjem jikber u għandu jiġi enfasizzat li għadd ta' gvernijiet u parlamenti li jirrappreżentaw ir-reġjuni b'setgħat leġislattivi saru msieħba ġodda tan-NMS. It-tkabbir ulterjuri tan-netwerk għadu wieħed mill-prijoritajiet għall-2011.

Matul l-2010, in-NMS kompli jwieġeb għat-talbiet kollha mingħand ir-relaturi tal-KtR fil-forma ta' konsultazzjonijiet immirati jew bil-miftuħ. Fl-2011, in-Netwerk ser jadotta għall-ewwel darba programm ta' ħidma għas-sena kkonċernata, bil-għan li jiffoka fuq dawk id-dossiers li jistgħu jkunu l-aktar rilevanti f'termini ta' sussidjarjetà u b'hekk jippermettu lill-imsieħba tan-Netwerk biex iħejju aħjar il-parteċipazzjoni tagħhom fil-konsultazzjonijiet. L-għan li tiżdied il-parteċipazzjoni fil-konsultazzjonijiet tiegħu ser ikun wieħed mill-akbar sfidi għan-NMS fl-2011.

Fl-2010 rajna wkoll kif il-Pjan ta' Azzjoni tan-Netwerk indirizza l-għanijiet stabbiliti mill-Bureau ta' Uppsala⁵⁴: li “[p]ermezz tar-raggruppament volontarju tal-imsieħba b'interessi simili tinholq bażi ta' konsultazzjoni speċjalizzata li tiġi identifikata b'mod faċli u li tkun tista' tintuża b'mod aktar faċli meta titnieda attività partikolari tan-Netwerk” u wkoll kif il-kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea qed tkompli tikber fil-forma tal-parteċipazzjoni tal-KtR fl-eżerċizzji tal-valutazzjoni ta' impatt. Iż-żewġ attivitajiet ser ikompli jikbru fl-2011.

Għandha tingħata attenzjoni speċjali lil waħda min-novitajiet introdotti mit-Trattat ta' Lisbona: is-Sistema ta' Twissija Bikrija. Skont il-kuntest il-ġdid, il-kuntatti mal-parlamenti reġjonali ssaħħew fl-2010 u n-NMS beda jkun ta' referenza għalihom f'dan il-kuntest. Din ir-relazzjoni għandha tiġi żviluppata aktar fil-futur u n-NMS qed jappoġġja bis-sħiħ lill-imsieħba tiegħu kkonċernati mis-Sistema ta' Twissija Bikrija, b'mod partikolari permezz tal-bażi tad-data tar-REGPEX.

Fil-futur qarib, in-NMS ser tiffoka l-isforzi tagħha biex issaħħa il-parteċipazzjoni tal-imsieħba tan-NMS fil-konsultazzjonijiet tagħha li għalihom l-adozzjoni ta' programm ta' ħidma annwali u t-tkabbir tan-NMS jistgħu jkunu żewġ possibiltajiet imprezzabbli.

Għan importanti ieħor huwa li tiġi ċċarata r-relazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea kemm fir-rigward tal-parteċipazzjoni tal-KtR fil-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali, skont kif previst fil-Ftehim ta' Kooperazzjoni tagħhom, kif ukoll fir-rigward tal-kontributi tal-KtR għar-rapport annwali dwar l-

⁵⁴ *Op. cit.* nota 20.

applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità li jitħejja mill-Kummissjoni Ewropea.

It-tiŝhih tar-relazzjoni bejn in-NMS u l-atturi ewlenin ikkonċernati mis-Sistema ta' Twissija Bikrija huwa wkoll punt li jistħoqqlu aktar attenzjoni fil-futur. In-NMS jista' jipprovdi lill-parlamenti reġjonali bl-appoġġ meħtieġ li jista' jwassal għat-tieni pass lejn koordinazzjoni mtejba tal-ħidmiet tal-Kumitati għall-Affarijiet Ewropej tal-parlament reġjonali u dan kollu f'livell Ewropew.

Fl-aħħar, l-Ewwel Rapport Annwali dwar is-Sussidjarjetà juri kemm il-KtR jieħu r-rwol imsaħħaħ tiegħu fir-rigward tas-sussidjarjetà bis-serjetà. Dan ir-rapport ser jintbagħat lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-imsieħba tan-NMS bħala espressjoni tal-impenn tal-KtR fir-rigward tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u b'hekk jikkontribwixxi għal Unjoni Ewropea aktar demokratika.

UNJONI EWROPEA



Kumitat tar-Reġjuni

RAPPORT ANNWALI DWAR IS-SUSSIDJARJETÀ 2010

Rapport Annwali dwar is-Sussidjarjetà – Appendiċi 1

Ħarsa ġenerali lejn l-opinjoni adottati bejn l-1 ta' Settembru 2009 u l-31 ta' Diċembru 2010

Kummissjoni tal-KtR	Opinjoni minn Settembru 2009 sa Diċembru 2010			Opinjoni li jagħmlu referenza espliċita għas-sussidjarjetà			Opinjoni li jinkludu valutazzjoni tal-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà			Konsultazzjoni relatata mal-SMN			Opinjoni dwar proposti leġislattivi		
	Qabel l-10 ta' Jannar 2010	Wara l-10 ta' Jannar 2010	Total	Qabel l-10 ta' Jannar 2010	Wara l-10 ta' Jannar 2010	Total	Qabel l-10 ta' Jannar 2010	Wara l-10 ta' Jannar 2010	Total	Qabel l-10 ta' Jannar 2010	Wara l-10 ta' Jannar 2010	Total	Qabel l-10 ta' Jannar 2010	Wara l-10 ta' Jannar 2010	Total
CIVEX + eks CONST-IV	4	10	14	4	4	8	1	0	1	0	0	0	1	1	2
COTER	3	8	11	1	8	9	0	1	1	0	1	1	1	0	1
ECOS	3	9	12	2	5	7	1	1	2	0	1	1	1	1	2
EDUC	2	8	10	1	5	6	0	3	3	0	2	2	0	1	1
ENVE (+ eks DEVE)	4	6	10	4	6	10	1	1	2	0	2	2	1	0	1
NAT (+ eks DEVE)	3	4	7	1	4	5	1	2	3	0	2	2	0	1	1
TOTAL	19	45	64	13	32	45	4	8	12	0	8	8	4	4	8

* L-Artikolu 51(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tar-Reġjuni, li jgħid li "l-opinjoni tal-Kumitat għandhom jagħmlu referenza espliċita għall-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità", daħal fis-seħħ fl-10 ta' Jannar 2010.

CIVEX

Ħarsa ġenerali lejn l-opinjoni adottati bejn l-1 ta' Settembru 2009 u l-31 ta' Diċembru 2010

Kummissjoni tal-KtR	Referenza # tal-opinjoni	Data	Titlu	Proposta leġislattiva?	Konsultazzjoni mal-SMN	Valutazzjoni tal-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà fl-opinjoni?	Referenzi oħra għas-sussidjarjetà / proporzjonalità / leġislazzjoni aħjar
CIVEX	COM (2010) 171	02-Diċ-10	Pjan ta' Azzjoni li jimplimenta l-Programm ta' Stokkolma	Le	Le	Le	Iva. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà jissema fir-rigward tal-parteċipazzjoni tal-ALR fil-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni, għal leġislazzjoni futura, inkluż fil-valutazzjoni tal-impatt
CIVEX	Fuq inizjattiva proprja	02-Diċ-10	Is-Sħubija tal-Lvant – il-Belarus	Le	Le	Le	Le
CIVEX	Fuq inizjattiva proprja	02-Diċ-10	Is-Sħubija tal-Lvant – l-Armenja	Le	Le	Le	Le
CIVEX	Fuq inizjattiva proprja	06-Ott-10	Il-gvern lokali u reġjonali fil-Ġeorġja	Le	Le	Le	Le
CIVEX	Fuq inizjattiva proprja	06-Ott-10	Is-Sħubija tal-Lvant – il-Moldova	Le	Le	Le	Le
CIVEX		10-Ġun-10	Il-kooperazzjoni lokali u reġjonali għall-ħarsien tad-drittijiet tat-tfal	Le	Le	Le	Iva. Jenftieg li jiġu rrispettati s-sussidjarjetà u l-proporzjonalità f'azzjonijiet futuri.
CIVEX	COM (2010) 119	10-Ġun-10	L-inizjattiva taċ-ċittadini	Iva	Le	Le. Att leġislattiv = l-implimentazzjoni diretta tad-dispożizzjonijiet tat-trattati, ma japplikax il-prinċipju tas-sussidjarjetà	Iva. Għe mfakkar li atti leġislattivi tal-UE f'setturi li ma jaqgħux fil-kompetenza esklussiva jridu jikkonformaw mas-sussidjarjetà; inizjattivi sabiex isiru konformi mas-sussidjarjetà huma kundizzjoni tal-ammissibilità.
CIVEX	COM (2010) 159, 163, 127, 126, 128, SEC(2010) 121 & 265	09-Ġun-10	Il-Pakkett tar-Rebbiegħa: Pjan ta' Azzjoni biex jitwettqu l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju	Le	Le	Le	Le
CIVEX	COM (2009) 533	09-Ġun-10	Strateġija tat-Tkabir – pajjiżi potenzjalment kandidati	Le	Le	Le	Le

Kummissjoni tal-KtR	Referenza # tal-opinjoni	Data	Titlu	Proposta legiŝlattiva?	Konsulatazzjoni mal-SMN	Valutazzjoni tal-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà fl-opinjoni?	Referenzi oħra għas-sussidjarjetà / proporzjonalità / legiŝlazzjoni aħjar
CIVEX	COM (2009) 533	14-Apr-10	Strateġija tat-Tkabir – pajjiżi kandidati	Le	Le	Le	Iva. Jenħtiegħ li jiġu rrispettati s-sussidjarjetà u l-proporzjonalità f'azzjonijiet futuri.
CIVEX (eks CONST-IV)	COM (2009) 15 u 17 COM (2008) 32 u 33 u 586	03-Diċ-09	Il-Pakkett għat-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet 2007–2008	Le	Le	Le	Iva. F'din l-opinjoni l-prinċipju tas-sussidjarjetà huwa ċentrali.
CIVEX (eks CONST-IV)	COM (2009) 135 u 136	03-Diċ-09	Il-ġlieda tal-abbuż sesswali tat-tfal u t-traffikar tal-bnedmin	Iva	Le	Iva, għalkemm il-punt fl-opinjoni jirreferi iktar għall-proporzjonalità	Le
CIVEX (eks CONST-IV)	COM (2009) 262 u 263	07-Ott-09	Programm ta' Stokkolma	Le	Le	Le	Iva. Jenħtiegħ li jiġu rrispettati s-sussidjarjetà u l-proporzjonalità f'azzjonijiet futuri.
CIVEX (eks CONST-IV)	COM (2008) 360 u 815 u 820 u 66	07-Lul-09	Is-Sistema ta' Asil Komuni Ewropea tal-Ġejjieni II	Le	Le	Le	Iva. Jenħtiegħ li jiġu rrispettati s-sussidjarjetà u l-proporzjonalità f'azzjonijiet futuri.

COTER

Ħarsa ġenerali lejn l-opinjoni adottati bejn l-1 ta' Settembru 2009 u l-31 ta' Diċembru 2010

Kummissjoni tal-KtR	Referenza # tal-opinjoni	Data	Titlu	Proposta leġislattiva?	Konsultazzjoni mal-SMN	Valutazzjoni tal-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà fl-opinjoni?	Referenzi oħra għas-sussidjarjetà / proporzjonalità / leġislazzjoni aħjar
COTER	COM (2010) 110	02-Diċ-10	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Il-politika ta' koeżjoni: rapport strateġiku 2010 dwar l-implimentazzjoni tal-programmi 2007-2013	Le	Le	Le	Iva
COTER	Opinjoni ta' prospettiva	05-Ott-10	Il-kontribut tal-politika ta' koeżjoni għall-Istrateġija Ewropa 2020	Le	Le	Le	Iva
COTER	Fuq inizjattiva proprja	05-Ott-10	Opinjoni fuq inizjattiva proprja tal-KtR dwar "Strateġija għaż-Żona Ġeografika tal-Baħar tat-Tramuntana/Kanal Inġliż"	Le	Le	Le	Iva
COTER	Prospettiva	09-Ġun-10	Ir-rwol tar-riġenerazzjoni urbana fil-ġejjieni tal-iżvilupp urban fl-Ewropa	Le	Le	Le	Iva
COTER	COM (2009) 248	15-Apr-10	il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku	Le	Le	Le	Iva
COTER	Opinjoni ta' prospettiva	15-Apr-10	Opinjoni ta' prospettiva dwar il-ġejjieni tal-politika ta' koeżjoni	Le	Le	Le	Iva
COTER	COM (2009) 490	15-Apr-10	Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni: Pjan ta' Azzjoni dwar il-Mobbiltà Urbana	Le	Iva	Iva	Iva

Kummissjoni tal-KtR	Referenza # tal-opinjoni	Data	Titlu	Proposta leġislattiva?	Konsultazzjoni mal-SMN	Valutazzjoni tal-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà fl-opinjoni?	Referenzi oħra għas-sussidjarjetà / proporzjonalità / leġislazzjoni aħjar
COTER	COM (2009) 295	10-Fra-10	Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Is-sitt rapport ta' progress dwar il-koeżjoni ekonomika u soċjali	Le	Le	Le	Iva
COTER	COM (2009) 279	04-Diċ-09	Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar "Futur sostenibbli għat-trasport: Lejn sistema integrata, immexxija mit-teknoloġija u li tista' tintuża faċilment"	Le	Le	Le	Iva
COTER	COM (2009) 44	07-Ott-09	Green Paper: TEN-T: Eżami tal-politika – Lejn netwerk trans-Ewropew integrat aħjar għad-dispożizzjoni tal-politika komuni tat-trasport	Le	Le	Le	Le
COTER	COM (2008) 852	07-Ott-09	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar netwerk ferrovjarju Ewropew għat-trasport tal-merkanzija kompetittiva	Iva	Le	Le	Le

ECOS

Ħarsa ġenerali lejn l-opinjoni adottati bejn l-1 ta' Settembru 2009 u l-31 ta' Diċembru 2010

Kummissjoni tal-KtR	Referenza # tal-opinjoni	Data	Titlu	Proposta leġislattiva?	Konsultazzjoni mal-SMN	Valutazzjoni tal-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà fl-opinjoni?	Referenzi oħra għas-sussidjarjetà / proporzjonalità / leġislazzjoni aħjar
ECOS	COM (2010) 133	14-Diċ-10	L-integrazzjoni soċjali u ekonomika tar-Roma fl-Ewropa	Le	Le	Iva	Iva
ECOS	COM (2010) 250 u 367	07-Diċ-10	It-tiżiż tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika	Le	Iva	Le	Iva
ECOS	COM (2009) 615	20-Ott-10	L-iżvilupp tal-Partenarjati Pubbliċi Privati	Le	Le	Le	Iva
ECOS	Opinjoni fuq inizjattiva proprja	20-Ott-10	L-indirizzar tal-problema tal-persuni mingħajr dar	Le	Le	Le	Iva
ECOS	COM (2009) 614	08-Sett-10	L-interkonnessjoni tar-reġistri kummerċjali	Le	Le	Le	Iva
ECOS	COM (2009) 180	22-Apr-10	Kif għandna nittrattaw l-impatt tat-tixiġ tal-popolazzjoni	Le	Le	Le	Le
ECOS	Opinjoni fuq inizjattiva proprja	10-Fra-10	Ir-reazzjoni kkoordinata u sostenibbli għall-isfidi tas-settur Ewropew tal-karozzi u għat-tiżiż tal-preżenza territorjali tiegħu	Le	Le	Le	Le
ECOS	Opinjoni fuq inizjattiva proprja	10-Fra-10	Il-ġejjieni tal-Istrateġija ta' Lisbona wara l-2010	Le	Le	Le	Le
ECOS	COM (2009) 254 finali	10-Fra-10	Opinjoni tal-KtR dwar is-Sena Ewropea ta' Volontarjat	Iva	Le	Le	Le
ECOS	COM (2008) 868	03-Diċ-09	Ħiliet ġodda għal impjegi ġodda - l-antiċipazzjoni u t-tlaqqiġ tas-suq tax-xogħol u l-ħiliet meħtieġa	Le	Le	Le	Le
ECOS	COM (2009) 333	09-Nov-09	Il-Faċilità Mikrofinanzjarja ta' Progress	Iva	Le	Iva	Le
ECOS	Opinjoni fuq inizjattiva proprja	07-Ott-09	L-azzjonijiet prijoritarji tal-awtoritajiet lokali u reġjonali għall-prevenzjoni tal-vjolenza fuq in-nisa u t-titjib tal-appoġġ għall-vittmi	Le	Le	Le	Iva

EDUC

Ħarsa ġenerali lejn l-opinjoni adottati bejn l-1 ta' Settembru 2009 u l-31 ta' Diċembru 2010

Kummissjoni tal-KtR	Referenza # tal-opinjoni	Data	Titlu	Proposta leġislattiva?	Konsultazzjoni mal-SMN	Valutazzjoni tal-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà fl-opinjoni?	Referenzi oħra għas-sussidjarjetà / proporzjonalità / leġislazzjoni aħjar
EDUC	COM (2010) 245	06-Ott-10	Aġenda Diġitali għall-Ewropa	Le	Le	Iva	Iva. Jissemma' b'mod espliċitu l-bżonn li jiġu rrispettati s-sussidjarjetà u l-proporzjonalità f'azzjonijiet futuri li jittieħdu – għat-tfassil/l-implimentazzjoni/il-governanza tal-miżura li tittieħed.
EDUC	COM (2010) 76	09-Ġun-10	Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew	Iva	Le	Iva	Iva. Abbażi tas-sussidjarjetà, l-ALR jissejju biex ikunu involuti fl-għażla tal-proġetti kandidati għaċ-ċertifikat.
EDUC	COM (2009) 586 u 479	15-Apr-10	Id-dividend diġitali / Sħubija pubblika-privata dwar l-Internet tal-Ġejjieni	Le	Le	Le	Iva. Abbażi tas-sussidjarjetà, saret sejħa biex ikunu l-ALR li jiddeċiedu dwar l-użu tas-subfaxxa ta' frekwenzi tar-radju, iżda wkoll l-għarfien tal-ħtieġa għal koordinazzjoni fil-livell tal-UE (għal ekonomiji ta' skala għall-investiment u l-użu effiċjenti tal-ispettru)
EDUC	COM (2009) 512 u 607	14-Apr-10	Strateġija Komuni għal Teknoloġija Abilitanti Essenzjali	Le	Le	Iva	Le

Kummissjoni tal-KtR	Referenza # tal-opinjoni	Data	Titlu	Proposta legiŝlattiva?	Konsultazzjoni mal-SMN	Valutazzjoni tal-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà fl-opinjoni?	Referenzi oħra għas-sussidjarjetà / proporzjonalità / legiŝlazzjoni aħjar
EDUC	Inizjattiva proprja	10-Fra-10	Innaqqsu l-illitteriżmu	Le	Iva. Konsultazzjoni miftuħa. 3 kontribuzzjonijiet. Ma tissemmiex b'mod espliċitu fl-opinjoni, iżda tintuża bħala sors ta' "skambji mal-atturi impenjati direttament fuq il-post"	Le	Le
EDUC	COM (2009) 278 u 212	10-Fra-10	L-Internet tal-Oġġetti – Pjan ta' Azzjoni għall-Ewropa, L-użu mill-ġdid tal-Infommazzjoni tas-Settur Pubbliku	Le	Le	Le	Le
EDUC	COM (2009) 329	10-Fra-10	Green Paper – Il-promozzjoni tal-mobilità taż-żgħażaġħ	Le	Le	Le	Le
EDUC	COM (2009) 200	10-Fra-10	Strateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ	Le	Iva. Konsultazzjoni mmirata. 5 kontribuzzjonijiet. Tissemma' b'mod espliċitu fl-opinjoni.	Le	Iva. Abbażi tas-sussidjarjetà, l-ALR huma msejja biex jinvolve ruħhom sabiex jispiraw, jistimolaw u jappoġġjaw inizjattivi ġodda u dawk li diġà jeżistu.
EDUC	Inizjattiva proprja	03-Diċ-09	Il-litteriżmu medjatiku u l-edukazzjoni fil-qasam tal-mezzi ta' komunikazzjoni fil-politika tal-edukazzjoni tal-UE	Le	Le	Le	Iva. Tissemma b'mod espliċitu l-ħtieġa li jiġu rrispettati s-sussidjarjetà u l-proporzjonalità f'azzjonijiet futuri.
EDUC	COM (2009) 116 u 184 u 108	03-Diċ-09	Infrastrutturi tal-ICT għax-xjenza elettroniku u strateġija għar-R&D u l-innovazzjoni fil-qasam tal-ICT	Le	Le	Le	Le

ENVE

Fl-arsa ġenerali lejn l-opinjoni adottati bejn l-1 ta' Settembru 2009 u l-31 ta' Diċembru 2010

Kummissjoni tal-KtR	Referenza # tal-opinjoni	Data	Titlu	Proposta leġislattiva?	Konsultazzjoni mal-SMN	Valutazzjoni tal-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà fl-opinjoni?	Referenzi oħra għas-sussidjarjetà / proporzjonalità / leġislazzjoni aħjar
ENVE	Opinjoni ta' prospettiva	01-Diċ-10	Il-Pjan ta' Azzjoni għall-Enerġija 2011-2020 tal-UE	Le	Le	Le	Inizjattivi futuri tal-UE se jirrispettaw il-prinċipju tas-sussidjarjetà
ENVE	COM (2010) 86	01-Diċ-10	Il-politika internazzjonali dwar il-klima adottata wara Kopenhagen	Le	Le	Le	Inizjattivi futuri tal-UE se jirrispettaw il-prinċipju tas-sussidjarjetà, u b'mod partikulari "jenfasizza l-fatt li l-kunflitt bejn l-approċċ globali ta' negozjar integrat fil-qasam tal-politika tal-enerġija u tal-klima u s-sussidjarjetà jrid jiġi kkunsidrat bir-reqqa"
ENVE	COM (2009) 433	05-Ott-10	Inkejlu l-Progress – il-PDG u lil hinn	Le		Konformità	Le
ENVE	Opinjoni ta' prospettiva fuq talba tal-Presidenza Spanjola tal-UE	05-Ott-10	Ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-politika ambjentali tal-ġejjieni	Le	Le	Le	"Jimpenja ruħu li jinkludi l-esperjenza lokali mill-amministraturi lokali u reġjonali fl-abbozzar tal-opinjoni tiegħu. Dan jinkludi konsultazzjonijiet immirati tan-netwerks speċifiċi tal-KtR, in-Netwerk tal-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà tal-KtR u l-Pjattaforma ta' Monitoraġġ tal-UE 2020, kif ukoll seduti organizzati mal-assoċjazzjonijiet lokali u reġjonali"
ENVE	COM (2010) 4	10-Ġun-10	L-UE u l-politika internazzjonali fil-qasam tal-bijodiversità wara l-2010	Le	Konsultazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-impatt, 09-Sett – 05-Nov-2010, 16-il kontribuzzjoni minn	Le	Inizjattivi futuri tal-UE se jirrispettaw il-prinċipju tas-sussidjarjetà

Kummissjon i tal-KtR	Referenza # tal-opinjoni	Data	Titlu	Proposta leġislattiva?	Konsultazzjoni mal-SMN	Valutazzjoni tal-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà fl-opinjoni?	Referenzi oħra għas-sussidjarjetà / proporzjonalità / leġislazzjoni aħjar
					10 Stati Membri		
ENVE	COM (2009) 378 u 469	15-Apr-10	Titjib tad-Direttivi EIA u SEA	Le	Immirata, 24-Nov-2009 – 08-Jan-2010, 6 kontribuzzjonijiet minn 4 Stati Membri; l-opinjoni ma ssemmix il-konsultazzjoni	Le	Inizjattivi futuri tal-UE se jirrispettaw il-prinċipju tas-sussidjarjetà
ENVE eks-DEVE	COM (2008) 809 u 810	04-Diċ-09	Ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku (EEE) u t-trattament ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE)	Iva	Le	Konformità	Le
ENVE eks-DEVE	Opinjoni fuq inizjattiva proprja	04-Diċ-09	Il-politika dwar il-foesti: il-miri tal-20/20/20	Le	Le	Le	Inizjattivi futuri tal-UE se jirrispettaw il-prinċipju tas-sussidjarjetà
ENVE eks-DEVE	COM (2009) 147	07-Ott-09	White Paper "L-adattament għat-tibdil fil-klima: Lejn Qafas Ewropew għall-azzjoni"	Le	Le	Le	Inizjattivi futuri tal-UE se jirrispettaw il-prinċipju tas-sussidjarjetà
ENVE eks-DEVE	COM (2009) 82	07-Ott-09	Approċċ Komunitarju dwar il-prevenzjoni tad-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem	Le	Le	Le	Inizjattivi futuri tal-UE se jirrispettaw il-prinċipju tas-sussidjarjetà

NAT

Ħarsa ġenerali lejn l-opinjoni adottati bejn l-1 ta' Settembru 2009 u l-31 ta' Diċembru 2010

Kummissjoni tal-KtR	Referenza # tal-opinjoni	Data	Titlu	Proposta leġislattiva ?	Konsultazzjoni mal-SMN	Valutazzjoni tal-konformità mal-Prinċipju tas-sussidjarjetà fl-opinjoni?	Referenzi oħra għas-sussidjarjetà / proporzjonalità / leġislazzjoni aħjar
NAT		02-Diċ-10	Ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija dwar is-Saħħa 2008-2013	Le	Iva. Konsultazzjoni mmirata, 7 kontribuzzjonijiet; ma tissemmiex b'mod espliċitu l-konsultazzjoni iżda ħafna konklużjonijiet tagħha jitqiesu fl-opinjoni	Jitfakkar il-prinċipju iżda ma ssirx valutazzjoni reali	Billi din hija valutazzjoni ta' nofs it-term tal-istrateġija, tinkludi valutazzjoni tar-rwol tal-ALR fl-implimentazzjoni tagħha. Irid isir ħafna titjib sabiex l-ALR ikunu involuti aktar.
NAT	COM (2009) 466 finali	10-Ġun-10	Lejn Politika Marittima Integrata għal governanza aħjar fil-Mediterran	Iva	Le	Sussidjarjetà (tissemma b'mod espliċitu) u proporzjonalità ok	Irid isir ħafna titjib sabiex l-ALR ikunu involuti aktar.
NAT	L-ebda	09-Ġun-10	Il-ġejjieni tal-PAK wara l-2013	Le	Le	Le (kompetenza esklużiva tal-UE)	Itenni l-prinċipju tas-sussidjarjetà fil-valur konkret tiegħu bħala mod kif jiġi żgurati li l-amministrazzjoni tiġi f'aktar livell qrib ta' ċittadin. Ifakkar kemm-il darba sabiex l-ALR jiġu involuti iktar sabiex tiġi assigurata governanza fuq ħafna livelli effiċjenti.
NAT	COM (2009) 567 finali	14-Apr-10	Solidarjetà fis-Saħħa: tnaqqis tal-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa fl-UE	Le	Iva. Valutazzjoni tal-Impatt. Il-kontribut tal-SMN għall-valutazzjoni tal-impatt mhux imsemmi fl-opinjoni	Sussidjarjetà (tissemma b'mod espliċitu) u proporzjonalità ok	Sejħa għal parteċipazzjoni aħjar tal-ALR fil-fażi tat-tfassil tal-politika.
NAT	COM (2009) 162 finali u COM (2009) 163 finali	04-Diċ-09	Green Paper – Riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd u l-bini ta' futur sostenibbli għall-akkwakultura	Le	Le	Le	Le

Kummissjoni tal-KtR	Referenza # tal-opinjoni	Data	Titlu	Proposta legiŝlattiva ?	Konsultazzjoni mal-SMN	Valutazzjoni tal-konformità mal-Prinċipju tas-sussidjarjetà fil-opinjoni?	Referenzi oħra għas-sussidjarjetà / proporzjonalità / legiŝlazzjoni aħjar
NAT	COM (2009) 128 finali	07-Ott-09	PAK simplifikata għall-Ewropa – suċċess għal kulħadd	Le	Le	Le	Tiġbed l-attenzjoni għall-importanza ta' konsultazzjonijiet aħjar mal-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-ħtieġa biex il-PAK tiġi inkluża fil-proċess tal-governanza fuq ħafna livelli.
NAT eks-DEVE	COM (2008) 662 finali COM (2008) 663 finali COM (2008) 664 finali COM (2008) 665 finali COM (2008) 666 finali COM (2008) 668 finali	07-Ott-09	Opinjoni tal-KtR dwar il-pakkett farmaċewtiku	Le	Le	Iva	L-awtoritajiet lokali u reġjonali jintlaqtu b'mod dirett mill-Proposta għal Direttiva peress li f'bosta Stati Membri huma responsabbli għas-servizzi fil-qasam tas-saħħa u l-kura tas-saħħa. Dan ir-rwol tal-livell lokali u reġjonali ma ġiex ikkunsidrat fil-Proposta tal-Kummissjoni. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà għandu jinżamm. Irid isir ħafna titjib sabiex l-ALR ikunu involuti aktar.

UNJONI EWROPEA



Kumitat tar-Reġjuni

RAPPORT ANNWALI DWAR IS-SUSSIDJARJETÀ 2010

Rapport Annwali dwar is-Sussidjarjetà 2010 – Appendiċi 2

Lista tal-imsieħba In-Netzwerk għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà tal-KtR Sitwazzjoni tal-31 ta' Diċembru 2010

Parlamenti jew assembleji li jirrappreżentaw lir-reġjuni li għandhom setgħat leġislattivi

Parlament tal-Istat ta' Niederösterreich (l-Awstrija t'Isfel)	Awstrija
Parlament tal-Istat ta' Burgenland	Awstrija
Parlament tal-Istat ta' Kärnten	Awstrija
Parlament tal-Istat ta' Vorarlberg	Awstrija
Parlament Fjamming	Belġju
Parlament tal-Wallonja	Belġju
Parlament tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali	Belġju
Parlament tal-Komunità Franċiża	Belġju
Parlament ta' Ålanda	Finlandja
Parlament tal-Istat tal-Bavarja	Ġermanja
Parlament tal-Istat ta' Baden-Württemberg	Ġermanja
Parlament tal-Istat ta' Nordrhein-Westfalen	Ġermanja
Parlament tal-Istat ta' Niedersachsen (Sassonja t'Isfel)	Ġermanja
Parlament tal-Istat ta' Schleswig-Holstein	Ġermanja
Assemblea Leġislattiva tar-Reġjun tal-Emilia Romagna	Italja
Assemblea Leġislattiva tar-Reġjun tal-Marche	Italja
Assemblea Leġislattiva tar-Reġjun ta' Sardinja	Italja
Assemblea Leġislattiva tar-Reġjun tat-Toskana	Italja
Assemblea Reġjonali tal-Friuli-Venezia Giulia	Italja
Assemblea Reġjonali tal-Abruzzo	Italja
Assemblea Leġislattiva tar-Reġjun Awtonomu ta' Madeira	Portugall
Assemblea Leġislattiva tal-Prinċipat tal-Asturias	Spanja
Parlament Awtonomu Bask	Spanja
Parlament ta' Cataluña (Katalunja)	Spanja
Assemblea ta' Extremadura	Spanja
Assemblea Nazzjonali ta' Wales	Renju Unit
Assemblea tal-Irlanda ta' Fuq (NIA)	Renju Unit

Gvernijiet jew eżekuttivi li jirrapreżentaw lir-reġjuni li għandhom setgħat leġislattivi

Konferenza tal-Gvernaturi tal-Istati Awstrijaċi	Awstrija
Gvern tal-Istat ta' Niederösterreich (l-Awstrija t'Isfel)	Awstrija
Maġistat tal-Belt ta' Vjenna	Awstrija
Gvern tal-Istat ta' Vorarlberg	Awstrija
Gvern tal-Fjandri	Belġju
Gvern tal-Istat tal-Bavarja	Ġermanja
Gvern tal-Istat ta' Hessen	Ġermanja
Gvern tal-Istat ta' Niedersachsen (Sassonja t'Isfel)	Ġermanja
Gvern tal-Istat ta' Sachsen (Sassonja)	Ġermanja
Gvern tar-Reġjun tal-Abruzzo	Italja
Gvern tal-Provinċja Awtonoma ta' Bozen – Südtirol (Tirol t'Isfel)	Italja
Gvern tar-Reġjun tal-Lombardia	Italja
Gvern tar-Reġjun tal-Pjemonte	Italja
Gvern tar-Reġjun tal-Veneto	Italja
Gvern Reġjonali tal-Azores	Portugall
Gvern Bask	Spanja
Gvern tal-Gżejjer Kanarji	Spanja
Xunta tal-Komunità Awtonoma ta' Galicia	Spanja
Gvern Reġjonali tal-Komunità ta' Madrid	Spanja
Gvern Reġjonali tal-Komunità ta' Valencia	Spanja
Reġjun ta' Murcia	Spanja

Awtoritajiet lokali jew reġjonali mingħajr setgħat leġislattivi

Belt ta' Sofija	Bulgarija
Belt ta' Zlín	Repubblika Ċeka
Kunsill tar-Reġjun ta' Auvergne	Franza
Komunità Urbana ta' Dunkirk	Franza
Kunsill Ġenerali ta' Eure	Franza
Belt ta' Augsburg	Ġermanja
Muniċipalitá ta' Erlangen	Ġermanja
Muniċipalitá ta' Patras	Greċja
Belt ta' Budapest	Ungerija
Provinċja ta' Alessandrija	Italja
Muniċipalitá tad-Distrett ta' Radviliskis	Litwanja
Gvern tal-Provinċja ta' Flevoland	Pajjiżi l-Baxxi
Netwerk urban ta' Twente – li tinkludi l-muniċipalitajiet ta' Almelo, Borne, Hengelo, Enschede u Oldenzaal	Pajjiżi l-Baxxi
Provinċja ta' Overijssel	Pajjiżi l-Baxxi
Belt ta' Łódź	Polonja
Marixxall tar-Reġjun ta' Lodzkie	Polonja

Marixxall tar-Reġjun ta' Masovian	Polonja
Marixxall tar-Reġjun ta' Wielkopolska	Polonja
Parlament Reġjonali ta' Pomorskie (Pomeranja)	Polonja
Gvern Reġjonali ta' Śląskie (tas-Sileżja)	Polonja
Belt ta' Hunedoara	Rumanija
Belt ta' Tavira	Portugall
Kunsill tal-Kontea ta' Galati	Rumanija
Gvern tar-Reġjun Awtonomu ta' Košice	Slovakkja
Reġjun Awtonomu ta' Nitra	Slovakkja
Belt ta' Izola	Slovenja
Diputacio ta' Barcellona	Spanja
Belt Awtonoma ta' Ceuta	Spanja
Belt ta' Madrid	Spanja
Belt ta' Göteborg	Svezja
Kontea ta' Västra Götaland	Svezja
Gvern tar-Reġjun ta' Skåne	Svezja

Assoċjazzjonijiet ta' awtoritajiet reġjonali u/jew lokali

Arco latino	Assoċjazzjoni Ewropea
Assemblea tar-Reġjuni Ewropej	Assoċjazzjoni Ewropea
Assoċjazzjoni tar-Reġjuni Ewropej tal-Fruntiera	Assoċjazzjoni Ewropea
Konferenza tal-Assembleji Leġislattivi Reġjonali Ewropej (CALRE)	Assoċjazzjoni Ewropea
Kunsill tal-Muniċipalitajiet u r-Reġjuni Ewropej (CEMR)	Assoċjazzjoni Ewropea
Eurocities	Assoċjazzjoni Ewropea
Unjoni tal-Muniċipalitajiet ta' Ċipru	Ċipru
Reġjuni Daniżi	Danimarka
Gvern Lokali tad-Danimarka	Danimarka
Assoċjazzjoni tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali Finlandiżi	Finlandja
Assoċjazzjoni tar-Reġjuni Franċiżi	Franza
Assoċjazzjoni tas-Sindki u r-Rappreżentanti Eletti ta' Lozère	Franza
Assoċjazzjoni Ġermaniża tal-Bliet u l-Muniċipalitajiet	Ġermanja
Assoċjazzjoni tal-Kontejji Ġermaniżi	Ġermanja
Assoċjazzjoni tal-Awtoritajiet Prefettorali tal-Greċja	Greċja
AICCRE – Sezzjoni Taljana tal-Kunsill tal-Muniċipalitajiet u r-Reġjuni Ewropej	Italja
Unjoni tal-Provinċji Taljani (UPI)	Italja
Assoċjazzjoni Latvjana tal-gvernijiet lokali u reġjonali	Latvja

Assoċjazzjoni Litwanjana tal-Awtoritajiet Lokali	Litwanja
Assoċjazzjoni tal-Provinċji tal-Pajjiżi l-Baxxi	Pajjiżi l-Baxxi
Assoċjazzjoni tal-Muniċipalitajiet Rumeni	Rumanija
Unjoni Nazzjonali tal-Kunsilli tal-Konteji	Rumanija
Assoċjazzjoni tal-Muniċipalitajiet ta' Aragona	Spanja
Federazzjoni tal-Provinċji u l-Muniċipalitajiet ta' Extremadura	Spanja
Assoċjazzjoni tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali Svediżi	Svezja
Konvenzjoni tal-Awtoritajiet Lokali Skoċċiżi (COSLA)	Renju Unit

Delegazzjonijiet nazzjonali tal-KtR

Delegazzjoni Irlandiża għall-KtR	Irlanda
Delegazzjoni Lussemburġiża għall-KtR	Lussemburgu
Delegazzjoni Maltija għall-KtR	Malta
Delegazzjoni tar-Renju Unit għall-KtR	Renju Unit

Parlamenti Nazzjonali

Kunsill Federali Awstrijak (Bundesrat)	Awstrija
Senat Franċiż	Franza
Parlament Elleniku	Greċja